# PROGRAMM ELETTORALI 2017




Jien nagħżel
Malta.

# PROGRAMM ELETTORALI 2017

Jien nagħżel
**Malta.**

ForzaNazzjonali.com

# WERREJ


Messaġġ mill-Kap tal-Partit Nazzjonalista ........................................ 4
Messaġġ mll-Kap tal-Partit Demokratiku ........................................ 6


## Jien nagħżel politika nadifa


Innaddfu l-politka ........................................ 8
Awtonomija lill-istituzzjonijiet u lill-awtoritajiet pubbliċi ........................................ 10
Isem nadif għal Malta fid-dinja ........................................ 10
Nagħtu lura l-poter lin-nies ........................................ 11
Insaħħu t-trasparenza u l-libertà tal-media ........................................ 12
Il-fondi pubbliċi nużawhom għan-nies ........................................ 13


## Jien nagħżel politika għan-nies


Il-familja fil-qalba tal-komunitajiet tagħna ........................................ 14
Prijorità għat-tfal tagħna ........................................ 15
Adozzjoni u fostering:
trobbija xierqa għal dawk l-aktar vulnerabbli ........................................ 16
Ugwaljanza għal kulħadd, inkluż fiż-żwieġ ........................................ 16
Ħidma kontra l-vjolenza fuq in-nisa ........................................ 17
Dħul xieraq għal għajxien dinjituż ........................................ 18
Ħajja aħjar għall-anzjani: ninvestu fil-pensjonijiet ........................................ 19
Solidarjetà aqwa permezz ta' benefiċċji soċjali miżjuda ........................................ 20
Għożża għall-anzjani fil-qalba tal-komunità ........................................ 21
Mal-persuni b'diżabilità: solidarjetà bil-fatti ........................................ 22
Investiment fil-bejta ta' kull familja: id-dar ........................................ 23
Inħaffu u nsaħħu suq sostenibbli tal-propjetà ........................................ 24
Komunitajiet ħajjin: investiment il-Kunsilli Lokali ........................................ 25
Kulħadd indaqs taħt il-liġi: Korp tal-Pulizija serju ........................................ 26
Serħan il-moħħ: Protezzjoni Ċivili professjonali ........................................ 27
Kundizzjonijiet aħjar għall-uffiċjali korrettivi wkoll ........................................ 28
Ir-riabilitazzjoni prijorità fil-faċilitajiet korrettivi ........................................ 28
Kundizzjonijiet xierqa għall-membri tal-Forzi Armati ........................................ 29
Ċittadinanza nadifa ........................................ 29

## Jien nagħżel ekonomija għan-nies


Miri ewlenin....31
Id-direzzjoni ekonomika....31
L-ewwel prijoritajiet biex nikkonsolidaw l-ekonomija....32
Noħolqu setturi ekonomiċi ġodda....34
Appoġġ għan-negozju....35
It-turiżmu....36


## Jien nagħżel kwalità aqwa tal-ħajja


Kura aqwa tas-saħħa....39
Tmexxija medika aqwa favur il-pazjenti u l-ħaddiema....41
Stil ta' ħajja b'saħħitha....42
Kura tas-saħħa eqreb lejk....43
L-iskejjel tagħna fil-bażi tal-edukazzjoni u t-taħriġ....43
Edukazzjoni avanzata u ogħla għal ħiliet aqwa....44
Il-kultura sseddaq l-identità tagħna....46
Ninvestu fl-industrija tal-films....48
Nagħmlu l-ambjent element ewlieni tal-pajjiż li jixirqilna....48
Inħarsu l-wirt naturali u l-bijodiversità tagħna....49
Inroddu lura l-kredibbiltà lill-awtoritajiet ambjentali....50
Intejbu l-kwalità ambjentali taż-żoni urbani....51
Nużaw aħjar u ntejbu l-wirt mibni tagħna....52
Inħarsu ż-żoni barra l-iżvilupp (ODZ)....52
Nimmaniġġjaw ir-riżorsi tagħna aħjar....54
Nifs aħjar b'arja aktar nadifa....54
Nipproduċu, nixtru u nużaw l-enerġija aktar bil-għaqal....55
It-tibdil fil-klima u l-effiċjenza fl-enerġija....56
Nindirizzaw b'mod serju l-problema tat-traffiku:
sistema ta' metro....57
Il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda: kontributuri ambjentali....59
L-agrikoltura....60
Is-sajd....61
Inħarsu l-annimali....62

# POLITIKA MIN-NIES, GĦAN-NIES

Meta erba' snin ilu sirt Kap tal-Partit Nazzjonalista, ridt li nagħmel lill-Partit Nazzjonalista mill-ġdid partit tan-nies. Xammart il-kmiem u ħdimt biex nagħmel propju dan billi erġajt mort fl-għeruq biex nibnu politika min-nies u għan-nies.

F'dawn l-erba' snin, iltqajt ma' ħafna nies u qattajt ħafna ħin nitkellem magħhom fi djarhom. Nies li kienu jħossuhom imweġġgħin mill-partit li kienu jħobbu; nies li xtaqu lill-Partit Nazzjonalista jinħeles mix-xkiel tal-imgħoddi; nies li xtaqu ġustizzja u d-drittijiet li ġew imċaħħdin minnhom. Kull darba, in-nies li ltqajt magħhom tawni enerġija ġdida bit-tama tagħhom li nibnu lill-Partit Nazzjonalista mill-ġdid biex ikun jixraq lil Malta t'issa u tal-futur.

Ridt li l-Partit Nazzjonalista jerġa' jkun qrib in-nies, għall-ġid ta' pajjiżna. Biddilna l-istrutturi fil-Partit Nazzjonalista biex jirrappreżentaw tassew lis-soċjetà li qed ngħixu fiha. Ftaħna lill-Partit Nazzjonalista, ħaddanna nies minn kull qasam tas-soċjetà tagħna, minn kull età, kull sess, kull kulur, kull tip ta' xogħol. Fuq kollox, bdejna naħdmu fuq viżjoni ġdida tagħna għal Malta biex negħlbu l-medjokrità darba għal dejjem.



Il-viżjoni tiegħi għal Malta hi waħda ta' pajjiż li jitmexxa b'mod onest, nadif u ġenwin. Hu għalhekk li qed inwiegħed li l-karigi għoljin kollha tal-pajjiż – mill-President sal-Kummissarju tal-Pulizija – ma jinħatrux aktar mill-Prim Ministru imma mill-Parlament b'maġġoranza ta' żewġ terzi. Irrid nenfasizza li t-tmexxija nadifa u onesta trid tkun parti mill-Kostituzzjoni tagħna ħalli jkollna min isus fuq il-Prim Ministru u l-Gvern, bla biża' jew favuri. Irridu wkoll istituzzjonijiet stabbli ħalli mhux kull darba li jinbidel il-Gvern jinqaleb kollox.

Hu għalhekk ukoll li ftaħt lill-Partit Nazzjonalista għall-possibilità li jaħdem ma' partiti oħrajn. Jien sodisfatt li għamilna ftehim mal-Partit Demokratiku. Hu b'hekk ukoll li jkollna Gvern li jkun hemm min isus fuqu u jien ma nibża' xejn minn dan, anzi rrid li jkun hekk. Il-wegħdi li qed nagħmel huma konkreti u nibdew inwettquhom hekk kif Forza Nazzjonali tkun eletta fil-gvern.

Għandna pjani ġodda u interessanti għall-pajjiż; pjani bbażati fuq proposti li bihom nagħtu bidu ġdid lil pajjiżna f'ħafna oqsma. Irrid pajjiż li jirrispetta l-ġustizzja soċjali, jistinka ħalli kulħadd igawdi kwalità aqwa tal-ħajja, u jara li kulħadd igawdi mil-ħolqien tal-ġid. Nistiednek taqra dan il-programm elettorali u tingħaqad magħna fil-ħeġġa biex inwettquh.

Madankollu, inżommu f'moħħna li din l-elezzjoni mhix tellieqa tal-proposti. Forza Nazzjonali tagħtina l-opportunità li ningħaqdu flimkien biex innaddfu s-sistema politika tagħna darba għal dejjem ħalli niddedikaw l-enerġiji kollha tagħna ħalli nagħmlu lil Malta pajjiż tassew aħjar.

Dan hu għaliex jien nagħżel Malta, u nħeġġek tagħmel hekk int ukoll.

Simon Busuttil
Kap, Partit Nazzjonalista

*"Forza Nazzjonali tagħtina l-opportunità li ningħaqdu flimkien u niddedikaw l-enerġiji kollha tagħna ħalli nagħmlu lil Malta pajjiż tassew aħjar"*

# PROGRAMM SĦIĦ GĦAL PAJJIŻNA

Inkitbu bosta manifesti. Mill-Indipendenza 'l hawn esperjenzajna l-alternanza tal-poter minn partit kbir wieħed għal partit kbir ieħor. It-tnejn għamlu l-ġid fi żmienhom u t-tnejn kellhom il-mumenti ħżiena tagħhom.



Li żgur naqsithom it-tnejn meta l-aktar li ġew bżonnha hija l-forza u l-ħeġġa biex, waqt li jiggvernaw, kontinwament jiġġeddu u jżommu l-interess tan-nies kollha l-ewwel, f'kull deċiżjoni li jieħdu.

Il-Partit Demokratiku għalhekk inħoloq. Se jkun l-assigurazzjoni biex il-viżjoni għal pajjiżna, hekk kif imsejsa fil-manifest, titwettaq kollha kemm hi u li f'kull ħin jinżamm sħiħ il-pedament b'saħħtu ta' tmexxija bil-għaqal, responsabbli u trasparenti bil-parteċipazzjoni kontinwa tas-soċjetà ċivili.

Il-Partit Demokratiku jemmen, fuq kollox, li hija l-edukazzjoni li toħroġ l-aħjar f'kull wieħed u waħda minna, iċ-ċavetta tas-suċċess sħiħ tal-poplu tagħna. Edukazzjoni li tqanqal il-kreattività, l-innovazzjoni fil-ħsieb u r-rieda li nkunu aħna, kull wieħed u waħda minna, l-aġenti biex noħolqu x-xogħol dinjituż għalina u għall-oħrajn.

*“Dan huwa programm imfassal minn nies li għalihom l-interess nazzjonali jiġi l-ewwel. Lesti li flimkien magħkom ipoġġu fil-prattika l-politika u l-governanza”*

Minn poplu passiv, imtaqqal b’sistema edukattiva li trażżnu milli jaħseb, se nwettqu trasformazzjoni f’poplu mrawwem biex jaħseb b’moħħu, jiddibatti, jikkritka u jsib hu s-soluzzjonijiet meħtieġa għall-iżvilupp sostenibbli ta’ gżejjer li r-riżors tagħhom huwa aħna lkoll.

Il-Partit Demokratiku jemmen li l-egħżeż ħaġa li għandu l-bniedem hija saħħtu, u jorbot is-saħħa ta’ kull ċittadin mhux biss mal-kwalità tal-ambjent fiżiku li jiddependi wkoll fuq deċiżjonijiet politiċi, imma wkoll mal-kwalità tal-ħajja li kull wieħed minna jkollu jgħix biex jassigura l-għajxien tiegħu.

Għalina tal-Partit Demokratiku, it-tqassim tal-ġid bil-għaqal jibqa’ fuq quddiem nett tal-għanijiet tagħna fil-proposti li ssibu f’dan il-programm.

B’dan il-programm qed nagħtu tifsila tal-pajjiż li rridu ngħixu fih.

It-tifsila mhix biżżejjed. Il-kontribut ta’ kulħadd se jkun meħtieġ fiż-żmien li ġej biex inpoġġu l-bżulija u l-integrità tagħna lkoll għad-dispożizzjoni ta’ pajjiżna, biex fil-ħames snin li ġejjin inlibbsu mill-ġdid il-libsa tas-suċċess u l-kredibilità lill-pajjiż tagħna.

Marlene Farrugia
Kap tal-Partit Demokratiku



# JIEN NAGĦŻEL

# POLITIKA NADIFA

**Aħna determinati li nnaddfu s-sistema politika f'pajjiżna darba għal dejjem. Nagħtu l-impenn tagħna li nagħmlu bidliet radikali fil-governanza ta' pajjiżna biex intejbuha u biex niżguraw li l-istituzzjonijiet tagħna jiffunzjonaw tajjeb u b'mod indipendenti. Nimpenjaw ruħna li nirrispettaw is-saltna tad-dritt, li nipproteġu d-drittijiet taċ-ċittadin, li niddeċentralizzaw il-poter, u li niżguraw il-kontabilità tal-uffiċjali pubbliċi.**

**L-impenn tagħna għal governanza tajba huwa spjegat fid-dokument Nibnu Fiduċja Ġdida fil-Politika.**

## INNADDFU L-POLITIKA

1. Naħtru minnufih Kummissarju tal-Pulizija ġdid u jingħata bidu għal investigazzjoni tal-każi ta' korruzzjoni li twassal biex titwettaq ġustizzja.

2. Nippubblikaw liġi biex jinħatar Maġistrat Speċjali Investigattiv dwar il-Korruzzjoni, bit-tir li din il-liġi tgħaddi din is-sena stess. Il-Maġistrat ikun membru tal-ġudikatura iżda b'funzjoni speċjali li jinvestiga rapporti u jwettaq prosekuzzjoni dwar każi ta' korruzzjoni anki fuq inizjattiva tiegħu

stess. Il-Maġistrat ikollu l-istaff biex ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bl-aktar mod effettiv u b'awtonomija sħiħa.

3. Naħtru Kummissarju dwar Standards fil-Ħajja Pubblika biex ikun jista' jikkontrolla l-imġiba tal-politiċi. Il-Membri Parlamentari jingħataw l-għażla li jkunu full-time filwaqt li titneħħa l-prattika li daħħal il-Gvern Laburista li Membri Parlamentari jew qraba tagħhom jew soċji f'negozju magħhom jinħatru biex imexxu bordijiet pubbliċi.

4. Nippubblikaw Kodiċi tal-Etika ġdid tal-Ministri li fih jerġgħu jiddaħħlu l-obbligi li Ministru ma jkunx jista' jagħmel prattika privata u li jiddikjara d-dħul tal-konjuġi tiegħu/tagħha. Ministri ma jitħallewx jimpjegaw fis-segretarjat tagħhom jew f'*positions of trust* membri tal-familja tagħhom jew soċji fin-negozju magħhom. Ikun hemm limitu stabbilit ta' kemm il-Ministri jista' jkollhom positions of trust.

5. Waqt li nibnu fuq ix-xogħol tal-Kummissjoni Bonello maħtura mill-Partit Nazzjonalista, naħtru kummissjoni nazzjonali li tistudja l-finanzjament u n-nefqa tal-partiti politiċi u kif dawn jistgħu jkunu aktar trasparenti u jevitaw kunflitti ta' interess, inkluż għandux jidħol finanzjament pubbliku tal-partiti u kontroll effettiv fuq in-nefqa tagħhom.

6. Naħtru Konvenzjoni Kostituzzjonali biex tibda proċess ta' bidla fil-Kostituzzjoni sabiex jissaħħu l-istrutturi u l-organi tal-Istat, inkluż l-indipendenza tagħhom mill-Gvern tal-ġurnata. Fost l-oħrajn, tiddaħħal regola li l-ħatriet fl-ogħla karigi tal-

*"Intejbu u niżguraw li l-istituzzjonijiet tagħna jiffunzjonaw tajjeb u b'mod verament indipendenti"*






Istat isiru b'żewġ terzi fil-Parlament. Sabiex ma niġux f'pożizzjoni li dawn il-karigi jibqgħu vojta għax ma jkunx intlaħaq vot ta' żewġ terzi fil-Parlament wara darbtejn, it-tielet vot ikun b'maġġoranza sempliċi sabiex il-ħatra tkun tista' ssir.

## AWTONOMIJA LILL-ISTITUZZJONIJIET U LILL-AWTORITAJIET PUBBLIĊI

7. Indaħħlu skrutinju tal-persuni li jkunu nominati bħala Chairpersons ta' bordijiet f'awtoritajiet pubbliċi importanti permezz ta' smigħ pubbliku fil-Parlament. Nistabbilixxu tul ta' żmien massimu għal dawn il-ħatriet.

8. Ma naħtrux uffiċjali għolja tal-partiti politiċi f'positions of trust mal-Gvern jew fuq bordijiet pubbliċi.

9. Il-Kummissarju dwar Standards fil-Ħajja Pubblika jżomm reġistru u jippubblika b'mod regolari lista ta' ħatriet fuq bordijiet pubbliċi flimkien mal-ħlas rispettiv tagħhom.

10. Reklutaġġ u promotions fis-servizz ċivili u fis-settur pubbliku jsiru permezz ta' proċess serju, miftuħ u kompetittiv.

## ISEM NADIF GĦAL MALTA FID-DINJA

11. Insewwu r-reputazzjoni internazzjonali ta' Malta bħala stat Ewropew u demokratiku b'rispett sħiħ għas-saltna tad-dritt. Issir enfasi fuq ir-rwol ta' Malta bħala ċentru finanzjarju rispettabbli u ta' min jafdah.

12. Nagħlqu l-presidenza Ewropea ta' Malta b'mod dinjituż, u nagħmluha ċara li aħna msieħba kredibbli u fdati.

Nippromwovu l-interessi ta' pajjiżna fl-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea u naraw li niksbu ftehim finanzjarju li bih Malta tgawdi kif jixraq fit-taħditiet dwar il-Qafas Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-2021-27.

13. 'L hinn mill-UE, insaħħu r-relazzjonijiet tagħna mal-pajjiżi ġirien fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani, kif ukoll mal-Istati Uniti, il-Kanada, iċ-Ċina, ir-Russja, imsieħba ewlenin oħrajn u organizzazzjonijiet internazzjonali.

14. Niddedikaw attenzjoni u miżuri speċjali biex ir-rabtiet tal-poplu Malti u Għawdxi ma' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin li jgħixu barra l-pajjiż jibqgħu ħajjin u jagħtu frott f'kull qasam possibbli, speċjalment fejn jidħlu l-oqsma tal-ilsien Malti, tal-kultura, ċittadinanza u r-relazzjonijiet bilaterali u kummerċjali bejn pajjiżna u l-pajjiżi li fihom jgħixu dawn il-Maltin u Għawdxin.

15. Indaħħlu l-obbligu li l-Ambaxxaturi kollha jgħaddu minn smigħ quddiem il-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Parlament u jirrispondu kwalunkwe mistoqsija li ssirilhom mill-Kumitat.

16. Il-Korp Diplomatiku jiġi meqjus bħala servizz professjonali taħt il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku b'kodiċi ta' etika speċifiku għall-membri tiegħu.

## NAGĦTU LURA L-POTER LIN-NIES

17. Inwaqqfu Ministeru għad-Drittijiet taċ-Ċittadin u tas-Soċjetà Ċivili li jiżgura li l-Gvern u s-settur pubbliku jaħdmu għaċ-ċittadin u għas-soċjetà ċivili, inkluż is-settur tal-volontarjat. Dan il-Ministeru jservi bħala one-stop-shop għal ilmenti li jsiru rigward servizzi pprovduti mill-amministrazzjoni pubblika u jara li ċ-ċittadin jieħu servizz tajjeb mill-awtorità pubblika kkonċernata fi żmien qasir. Dan il-Ministeru jaħdem mal-Ministeri l-oħra sabiex inwaqqfu s-sitwazzjoni fejn iċ-ċittadin jintbagħat minn dipartiment għal ieħor mingħajr direzzjoni. Il-Ministeru jkun ukoll il-kuntatt prinċipali mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiżgura li dawn ikollhom rwol ċentrali fit-tfassil tal-politika fis-setturi kollha.

18. Nistabbilixxu pjattaforma ta' eGovernment fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika li tippermetti kuntatt kontinwu bejn il-Gvern u ċ-ċittadini, tiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħtu reazzjoni għall-proposti tal-Gvern, tagħmilha possibbli għaċ-ċittadini li jipproponu l-ideat tagħhom, u jivvutaw b'mod elettroniku għal dawk l-ideat li jkunu jixtiequ li jiġu attwati mill-Gvern.

19. Inwaqqfu Fond ta' Solidarjetà li fih jitħallas 0.5% tat-taxxa tad-dħul li tħallas kull persuna, u kull individwu jagħżel min għandu jgawdi minnhom direttament fil-formola tat-taxxa. Dawn jistgħu jkunu għaqdiet tas-soċjetà ċivili u volontarjat li jaħdmu f'diversi setturi inkluż l-oqsma soċjali, filantropiċi, għaqdiet reliġjużi, kulturali u artistiċi, għaqdiet li jħarsu l-annimali u oħrajn.

20. Nagħtu sostenn lill-organizzazzjonijiet volontarji, inkluż clubs soċjali, permezz ta' rati speċjali fuq id-dawl u l-ilma u fuq ħlasijiet oħrajn għal servizzi pubbliċi, u nsaħħu l-prattika li nassenjaw impjegati tas-settur pubbliku sekondati magħhom skont l-iskop u d-daqs tal-organizzazzjoni.

21. Inressqu liġi li tippermetti li jsiru referenda propożittivi biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni pubblika fit-tfassil tal-politika.

22. Insaħħu l-Uffiċċju tal-Ombudsman u nirrispettaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman, filwaqt li nagħtu spjegazzjoni lill-Parlament f'każijiet fejn dan ma jkunx jista' jseħħ.

23. Inwettqu r-riformi li għadhom pendenti skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Bonello għar-Riforma tal-Ġustizzja, u nnaqqsu drastikament it-tul tal-proċeduri fil-Qorti.

24. Inħassru l-liġijiet kollha li l-Qorti Kostituzzjonali tiddikjara li jmorru kontra l-Kostituzzjoni u dawn isiru bla effett fir-rigward ta' kull persuna, u mhux biss tal-partijiet fil-kawża.

25. Nagħtu liċ-ċittadini Maltin li jgħixu f'pajjiżi oħra Ewropej id-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet ġenerali f'Malta permezz ta' sistema ta' distance voting.

26. Infasslu Strateġija Nazzjonali għall-Infurzar tal-Liġijiet.

## INSAĦĦU T-TRASPARENZA U L-LIBERTÀ TAL-MEDIA

27. Fl-interess tat-trasparenza, nippubblikaw il-kuntratti li jidħol fihom il-Gvern. F'dawk il-każijiet fejn ikun hemm bżonn li tinżamm is-segretezza u dawn ma jiġux ippubblikati għal raġunijiet ta' ordni pubbliku u sigurtà pubblika, nagħmlu l-arranġamenti meħtieġa għall-aċċess u l-għoti ta' informazzjoni kunfidenzjali lill-Parlament u entitajiet oħra tal-Istat skont il-każ. Nistabbilixxu reġistru pubbliku għall-kuntratti pubbliċi li jinvolvu tranżazzjonijiet ta' art, servizzi u konċessjonijiet.

28. Nibdlu l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni u nadottaw *data policies* biex ikollna iktar trasparenza, niżguraw li kull ċittadin ikollu dritt ta' aċċess għal dokumenti uffiċjali tal-Gvern, u biex talbiet għal dan jiġu pproċessati mill-iktar fis possibli.



*“Niggarantixxu l-libertà tax-xandir pubbliku li jopera mingħajr l-indħil politiku”*

29. Niggarantixxu l-imparzjalità fix-xandir pubbliku billi niżguraw il-libertà tax-xandir pubbliku li jopera indipendentement mill-indħil politiku tal-Gvern tal-ġurnata, u nirrevedu l-kompożizzjoni tal-Awtorità tax-Xandir biex innaqqsu l-influwenza tal-partiti politiċi fuqha.

30. Ministri tal-Gvern jintrabtu li jirrispondu għall-mistoqsijiet tal-media fl-ispirtu tat-trasparenza. Ministri ma jitħallewx jużaw l-email privat tagħhom għal użu uffiċjali.

31. Ikun hemm kadastru diġitali li jidentifika l-propjetà kollha tal-Gvern ta' Malta, u dan isir fi żmien tliet snin, u jkun jinkludi dettalji dwar titlu, drittijiet ta' aċċess u użu, biex ikun hemm pjattaform trasparenti għall-aħħar dwar l-artijiet u l-propjetà li huma fid-dominju pubbliku. Il-kadastru jiġi estiż biex jinkludi l-propjetà privata fuq medda ta' għaxar snin.

## IL-FONDI PUBBLIĊI NUŻAWHOM GĦAN-NIES

32. Inressqu kull ftehim dwar kumpens bejn il-Gvern u terzi privati għall-iskrutinju tal-Parlament.

33. Nirrispettaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u nagħtu spjegazzjoni lill-Parlament f'każijiet fejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma jkunux jistgħu jiġu aċċettati.

34. Nagħtu l-poter lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika biex jagħmel awditjar ta' fondi pubbliċi allokati lil persuni privati u li jivverifika li dawn il-fondi jkunu ntefqu b'mod li jintlaħqu l-oġġettivi li għalihom ingħataw.

35. Insibu soluzzjoni aċċettabli għal inġustizzji li għadhom pendenti mis-snin sebgħin. Dawk li sofrew dawn l-inġustizzji jixirqilhom soluzzjoni bla aktar dewmien.



# JIEN NAGĦŻEL

# POLITIKA GĦAN-NIES

**Irridu li Malta tkun nazzjon mibni fuq sens ta' komunità, li tgħożż u tagħti kas lil kull min jgħix fi ħdanha, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli. Irridu nagħtu s-setgħa lin-nies biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Irridu nipprovdu servizzi u opportunitajiet biex nilħqu livelli ta' għajxien ogħla, u biex kulħadd ikun integrat fil-komunità. Impenjati li nibnu soċjetà li tieħu ħsieb u tinkludi lil kulħadd.**

## IL-FAMILJA FIL-QALBA TAL-KOMUNITAJIET TAGĦNA

36. Inwaqqfu Ċentri tal-Familja, l-ewwel wieħed f'Birżebbuġa, biex inġibu s-servizzi lill-familja eqreb ta' darek biex nipprovdu servizzi ta' appoġġ u nixprunaw lill-familji, ġenituri, tfal, u anzjani kif ukoll lil dawk li ma jaħdmux. Dawn iċ-ċentri jkunu spazji għall-familji li jservu mhux biss bħala l-ewwel kenn kull meta jkun hemm bżonn ta' appoġġ, imma wkoll jipprovdu spazji għal servizzi soċjali, inizjattivi edukattivi u ta' taħriġ, u programmi ta' saħħa.

37. Nikkonsultaw mal-imsieħba soċjali fl-MCESD sabiex inżidu l-leave tal-maternità minn 18 għal 22 ġimgħa, bl-erba' ġimgħat miżjuda jiġu ssussidjati mill-Gvern, u ndaħħlu erba' ġimgħat leave tal-paternità għax nemmnu li anke l-missier għandu jkun aktar preżenti fl-ewwel jiem tat-twelid ta' wliedu. Malli jkun hemm ftehim mal-imsieħba soċjali, nintrabtu li ndaħħlu dawn il-proposti.

38. Is-*sick leave* ikun jista' jintuża mhux biss meta timrad int, imma anke meta jimirdu t-tfal tiegħek. B'hekk tkun tista' sserraħ rasek li jekk jinqala' xi ħaġa lit-tfal int tkun hemm għalihom. Din il-miżura titwettaq f'diskussjoni ma' min iħaddem sabiex jonqos l-abbuż mis-sick leave, tiżdied il-lealtà fl-impjieg u tinkoraġġixxi li min qed irabbi jibqa' fid-dinja tax-xogħol.

## PRIJORITÀ GĦAT-TFAL TAGĦNA

39. Nestendu s-servizz ta' childcare b'xejn għal kull tifel u tifla u mhux biss meta l-ġenituri joħorġu jaħdmu, kif inhi ċ-childcare illum. Din hi miżura soċjali, edukattiva u ta' żvilupp bikri tat-tfal li għandha tgħin ukoll familji fl-aktar sitwazzjonijiet dgħajfin.

40. Inżidu c-*children's allowance* minn €450 għal €550 għal kull tifel u tifla. F'każ ta' familji b'paga minima, ic-*children's allowance* titla' b'€200 għal kull tifel u tifla.



*"Nestendu s-servizz ta' childcare b'xejn għal kull tifel u tifla"*



> *"Adozzjoni u fostering: trobbija xierqa għal dawk l-aktar vulnerabbli"*

41. Nipprovdu servizzi bażiċi ta' kura tas-saħħa f'kull skola lil dawk it-tfal li jkollhom bżonn attenzjoni medika ħalli din tingħatalhom b'mod immedjat.

42. Nintroduċu miżuri radikali li għandhom iwasslu biex inbiddlu l-mentalità għal stil ta' ħajja aktar f'saħħitha u attiva, billi nibdew mill-iskejjel fejn l-ikel għandu jkun bnin, kif ukoll billi tiżdied u titjieb l-edukazzjoni fiżika.

## ADOZZJONI U FOSTERING: TROBBIJA XIERQA GĦAL DAWK L-AKTAR VULNERABBLI

43. Inżidu l-benefiċċju ta' Child in Care b'€1,600 aktar kull sena fuq l-allowance li hemm bħalissa.

44. Nipprovdu servizz speċjalizzat ta' foster care għal tfal li jkollhom bżonn ta' livell għoli ta' kura. Dan is-servizz jitħaddem flimkien ma' djar residenzjali terapewtiċi biex noffru aktar stabilità lil dawn it-tfal, kenn u terapija meta jkollhom bżonnhom.

45. Nappoġġjaw it-twaqqif ta' aġenziji mhux governattivi li joffru servizzi ta' fostering.

46. Nintroduċu sistemi li bihom dawk il-foster carers li jieqfu minn xogħol bi dħul fiss biex jieħdu ħsieb tfal li huma fil-kura tagħhom, ikollhom il-kontribuzzjoni tagħhom imħallsa għal tliet snin, bħalma jiġri fil-każ ta' ġenituri adottivi.

47. Nifthu uffiċċju one-stop-shop biex tinqata' l-burokrazija li bħalissa qed toħloq problemi u spejjeż addizzjonali għall-Prospective Adoptive Parents.

48. Nagħmlu ftehimiet dwar l-adozzjoni ta' tfal ma' pajjiżi oħra u nsaħħu dawk li bħalissa huma fis-seħħ, filwaqt li nżommu relazzjoni tajba ma' aġenziji privati li jaħdmu f'dan il-qasam.

## UGWALJANZA GĦAL KULĦADD, INKLUŻ FIŻ-ŻWIEĠ

49. Nibnu fuq kull titjib li sar fid-drittijiet LGBTIQ f'dawn l-aħħar snin u nressqu liġi għall-introduzzjoni ta' żwieġ bejn persuni tal-istess sess.

50. Insaħħu aktar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u nagħmlu pjan nazzjonali ġdid ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li jara wkoll li tiġi indirizzata d-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel.

51. Immexxu bl-eżempju u għalhekk nintrabtu li l-Gvern iżid sostanzjalment il-possibilità ta' teleworking.

52. Niżguraw li mill-anqas nofs il-membri maħtura fil-bordijiet pubbliċi kollha jkunu nisa. Gvern ġdid iħeġġeġ lis-settur privat jagħmel l-istess kemm fil-possibilità ta' teleworking kif ukoll fil-ħatriet fil-bordijiet.

53. Neżentaw lis-single parents mill-ħlasijiet tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà nazzjonali għall-ewwel sena tal-impjieg tagħhom, jew matul il-perjodu ta' taħriġ, sabiex ninkoraġġuhom jidħlu fid-dinja tax-xogħol, tat-taħriġ jew tal-istudju.

## ĦIDMA KONTRA L-VJOLENZA FUQ IN-NISA

54. Inwaqqfu *response team* speċjalizzat magħmul minn professjonisti mill-oqsma tal-ħidma soċjali, saħħa, psikoloġija u mill-Pulizija, li jkunu lesti f'kull ħin biex jgħinu vittmi ta' vjolenza domestika mill-ewwel billi jevalwaw ir-riskji, jagħmlu rapporti u jgħinu lill-vittmi jieħdu servizzi. Barra minn hekk, intejbu s-sensittività ta' dawk li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każi ta' vjolenza sesswali billi nżidu t-taħriġ lil aktar uffiċjali, u niżguraw li x-shifts ikunu kkordinati aħjar ħalli s-servizz ikun disponibbli kullimkien.

55. Intejbu l-ambjent fil-Qorti biex niżguraw li l-vittmi ta' abbuż u min ikun għamel ir-reat ma jistennewx barra l-awla ħdejn xulxin, speċjalment meta jista' jkun għad baqa' kwistjonijiet ta' sigurtà u/jew abbuż psikoloġiku. Fl-istess ħin, nirrevedu l-proċess ġudizzjarju bil-ħsieb li jitqassar iż-żmien ta' proċeduri tal-każijiet tal-familja, li hu sors ta' frustrazzjoni u stress emozzjonali fuq il-vittma tal-abbuż.

56. Niżguraw li min iwettaq atti ta' vjolenza jkun ordnat li jfittex l-għajnuna. Hemm servizzi li qed



*" Response team biex jgħin vittmi ta' vjolenza domestika billi jevalwaw ir-riskji u jgħinu lill-vittmi jieħdu servizzi"*

jingħataw f'dan il-qasam imma l-aċċess għalihom għandu jkun awtomatiku.

57. Inżidu r-riżorsi għall-assistenza legali b'xejn biex niżguraw li l-vittmi ta' vjolenza jsibu avukati mħarrġa disponibbli biex jassistuhom matul il-proċess legali, u nintroduċu miżuri effettivi għall-protezzjoni ta' dawk li jaħdmu fid-Domestic Violence Unit, Shelter u Child Protection biex dawk li jaħdmu fuq quddiem nett fil-protezzjoni tal-vittmi jkunu sikuri waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

58. Inżidu sostanzjalment is-sanzjonijiet kontra l-vjolenza domestika kif ukoll fil-każijiet meta l-manteniment u l-obbligazzjonijiet ta' kustodja ma jkunux rispettati.

59. Naraw li ladarba l-paternità tkun żgurata, il-manteniment finanzjarju jingħata mingħajr dewmien.

## DĦUL XIERAQ GĦAL GĦAJXIEN DINJITUŻ

60. Innaqqsu t-taxxa tad-dħul għal massimu ta' 10% għal kull min jaqla' paga ta' mhux aktar minn €20,000 fis-sena. Dan ifisser illi:

a) Kull min illum jaqla' €20,000, jibda jħallas taxxa totali ta' €1,090 minflok €2,275 li jħallas illum, u b'hekk jibda jiffranka €1,185 fis-sena.

b) Kull min jaqla' €15,000 jibda jħallas €590 fis-sena flok €935 li jħallas illum, u b'hekk jibda jiffranka €345 fis-sena.

ċ) Kull min diġà ma jħallasx taxxa jibqa' ma jħallas xejn.

d) Din il-miżura tiġi tiswa €44 miljun u minnha jgawdu 121,000 ruħ.

e) Innaqqsu t-taxxa tad-dħul fuq ix-xogħol part time għal massimu ta' 10%. Din il-miżura tiġi tiswa €3.8 miljun u minnha jgawdu 5,500 *self employed part time* u 23,000 ħaddiem *part time*.

61. Nirrispettaw il-ftehim milħuq dan l-aħħar bejn l-imsieħba soċjali dwar il-paga minima, ftehim li nqisuh bħala



l-ewwel pass lejn paga aktar diċenti għall-ħaddiema.

62. Inwettqu l-prinċipju tal-istess ħlas għall-istess xogħol, u nsaħħu l-miżuri biex dan jidħol ukoll fis-settur privat.

63. Intemmu l-prekarjat li qed iseħħ fl-iskema tal-GWU, fejn il-GWU qed tagħmel aktar minn miljun u nofs ewro profitt fis-sena minn fuq dahar 600 ħaddiem. Din l-iskema tibda titħaddem mill-Jobsplus filwaqt li l-profitt li qiegħda tagħmel illum il-GWU jitħallas direttament lill-ħaddiema. Dan jissarraf f'żieda fil-paga ta' dawn il-ħaddiema ta' aktar minn €200 fix-xahar.

64. Nagħmlu skema ta' għajnuna għall-ħaddiema li jkunu telqu mix-xogħol għal xi żmien minħabba mard, bħal kanċer, multiple sclerosis, dijabete qawwija, mard tal-qalb jew mard mentali. L-iskema tkun tinkludi sapport professjonali apposta, inkluż re-training u għajnuna psikoloġika, għajnuna permezz ta' kreditu ta' bolol u sapport lill-employers sabiex iżommu lill-ħaddiema fuq il-kotba tagħhom u ma jitilfux l-esperjenza ta' dawk il-ħaddiema.

## ĦAJJA AĦJAR GĦALL-ANZJANI: NINVESTU FIL-PENSJONIJIET

65. Il-Pensjoni Minima Nazzjonali tiżdied għal-livell tal-Paga Minima Nazzjonali. Dan ifisser li din il-pensjoni tiżdied minn €147.23 (għal persuna miżżewġa) jew €131.47 (persuna waħedha), għal €169.76 fil-ġimgħa.



*"Nagħtu lir-romol id-dritt li jieħdu l-pensjoni sħiħa li kellhom żwieġhom"*

66. Il-Pensjoni tal-Età tiżdied għal 60% tad-dħul medjan. Skont l-aħħar ċifri dan ifisser li din il-pensjoni titla' għal €155.00 fil-ġimgħa.

67. Biex inħajru l-anzjani jkomplu jgħixu fid-dar u fil-komunità tagħhom, inżidu bil-qawwi l-allowance mogħti fis-sena lil kull anzjan ta' 'l fuq minn 75 sena

li jibqa' jgħix f'daru, minn €300 għal €500. Fil-każ ta' koppja, l-allowance tibqa' tingħata kemm lir-raġel kif ukoll lill-mara.

68. Lil dawk kollha li għandhom xi bolol (kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Nazzjonali) mhux imħallsin b'mod li dan jaffetwa l-pensjoni tagħhom, nagħtuhom iċ-ċans iħallsu d-differenza biex igawdu l-pensjoni sħiħa.

69. Il-pensjoni minima nazzjonali nibdew inħallsuha sħiħa lill-pensjonanti mhux miżżewġin daqs dik li titħallas lill-pensjonanti miżżewġin.

70. Intejbu l-inċentivi sew għall-ħaddiema kif ukoll għal min iħaddem biex jinvestu fi skemi ta' pensjonijiet privati bħal personal savings plans u occupational retirement schemes.

71. Nagħtu lir-romol id-dritt li jieħdu l-pensjoni sħiħa li kellhom żwieġhom.

72. Neżentaw il-pensjonijiet kollha mit-taxxa tad-dħul.

73. Nindirizzaw l-inġustizzja tal-pensjoni tas-servizz b'mod gradwali skont l-età tal-pensjonant, billi fil-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar ma nikkalkolawx:

a) Il-pensjoni tas-servizz kollha għall-pensjonanti li jkollhom 'il fuq minn 80 sena;

b) Mhux inqas minn 80% tal-pensjoni tas-servizz għall-pensjonanti li jkollhom minn 75 sa 79 sena;

ċ) Mhux inqas minn 60% tal-pensjoni tas-servizz għall-pensjonanti li jkollhom minn 70 sa 74 sena;

d) Mhux inqas minn 40% tal-pensjoni tas-servizz għall-pensjonanti li jkollhom minn 66 sa 69 sena;

e) Mhux inqas minn 20% tal-pensjoni tas-servizz għall-pensjonanti li jkollhom inqas minn 65 sena.

## SOLIDARJETÀ AQWA PERMEZZ TA' BENEFIĊĊJI SOĊJALI MIŻJUDA

74. Nagħmlu ġustizzja fil-benefiċċji soċjali ma' min mhux miżżewweġ. Għalhekk, inneħħu d-differenza li għadha teżisti fil-benefiċċji soċjali li jingħataw lil persuna mhux miżżewġa meta mqabbla ma' persuna miżżewġa minkejja li jkunu ħallsu l-istess ammont ta' bolol. B'hekk, min mhux miżżewweġ jibda jieħu l-istess beneċċji għall-mard jew għall-qgħad bħall-ħaddiema miżżewġin.

75. Nagħtu lil dawk fil-bżonn iż-żieda sħiħa għall-għoli tal-ħajja. Min qiegħed fuq l-assistenza soċjali (ir-relief) jaqa' f'riskju ta' faqar u għalhekk nibdew nagħtuh iż-żieda sħiħa għall-għoli tal-ħajja.

76. Intejbu l-pensjoni ta' dawk li, minħabba mard serju, jieħdu l-pensjoni għall-

invalidità. Din il-pensjoni nibdew ukoll nagħtuha sħiħa lil dawk li mhumiex miżżewġin, bl-istess rata tal-miżżewġin abbażi tal-istess ħlas ta' bolol.

77. Nagħtu ċ-ċans lill-ħaddiema part-time li mhumiex ukoll f'impjieg full-time li jkunu jistgħu jħallsu l-bolla fuq ġimgħa xogħol ta' 40 siegħa anke jekk dawn ikunu ġejjin minn aktar minn impjieg wieħed part-time.

## GĦOŻŻA GĦALL-ANZJANI FIL-QALBA TAL-KOMUNITÀ

78. Nipprovdu b'xejn il-mediċini kollha ordnati mit-tabib lil dawk kollha li jgħixu biss bil-pensjoni.

79. Nipprovdu b'xejn 50 siegħa ta' kura fix-xahar lill-anzjani li jgħixu f'darhom u li jkollhom kundizzjonijiet mediċi speċifiċi. Din il-kura tkun imsejsa fuq il-bżonnijiet speċjali tal-individwu u tinfirex minn għajnuna fid-dar għal nursing bażiku. Permezz ta' din il-miżura, intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani biex jibqgħu jgħixu f'darhom u fil-komunità tagħhom, filwaqt li ntaffu l-piż lill-membri tal-familja li jieħdu ħsiebhom.

80. Neżentaw lill-anzjani li jmorru jgħixu f'dar tal-anzjani mit-taxxa tal-capital gains f'każ li jbigħu d-dar fejn kienu jgħixu, anki wara 3 snin minn meta telqu.

81. Nagħtu assistenza lil aktar anzjani li jkunu jixtiequ jagħmlu xi xogħol f'darhom biex ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu fiha u fil-komunità tagħhom. Dan nagħmluh billi nżidu l-massimu tal-valur tal-assi biex jikkwalifikaw għall-iskema preżenti, minn €30,000 għal €40,000.

82. Ngħinu aktar lil min jieħu ħsieb anzjani f'daru. Għall-ulied jew qraba

*"Nipprovdu sigħat ta' kura lill-anzjani li jgħixu f'darhom imsejsa fuq il-bżonnijiet speċjali tal-individwu"*





“Aktar djar residenzjali fil-komunità għall-persuni b’diżabilità”

li jidħlu għar-responsabbiltà li jieħdu magħhom f’darhom il-ġenituri jew qraba anzjani, indaħħlu skemi ta’ inċentivi finanzjarji, miżuri family friendly u servizzi, inkluż biex ikunu jistgħu jagħmlu tibdil strutturali fid-dar, kmamar tal-banju adattati, chair lifts, sodod speċjalizzati u apparat ieħor meħtieġ.

## MAL-PERSUNI B’DIŻABILITÀ: SOLIDARJETÀ BIL-FATTI

83. Inwaqqfu struttura li tagħmel life plans għall-ġenituri biex jidħlu fi ftehim mal-Gvern dwar l-ippjanar tal-futur tat-tfal b’diżabilità għal meta l-ġenituri ma jkunux jistgħu jieħdu ħsieb it-tfal aktar jew meta jiġu neqsin. Dawn il-*life plans* ikunu jinkludu l-formazzjoni ta’ *trusts* li jkunu jistgħu jinbidlu skont iċ-ċirkostanzi tal-ġenituri u tat-tfal. Dawn it-*trusts* jistabbilixxu l-kontribuzzjoni tal-Gvern u tal-familja matul il-ħajja tat-tfal b’diżabilità. B’dan il-mod, il-ġenituri jserrħu moħħhom li t-tfal tagħhom ikun hemm min jieħu ħsiebhom u li jkollhom riżorsi biżżejjed biex jgħixu ħajja indipendenti.

84. Naraw li jkun hemm aktar djar residenzjali fil-komunità għall-persuni b’diżabilità.

85. Nirrevedu s-sistema tal-pensjonijiet għall-persuni b’diżabilità u ntemmu l-użu tal-Barthel Index:

a) Persuni li jkollhom diżabilità gravi jew gravi ħafna u li ma jkunux jistgħux jaħdmu minħabba l-kundizzjoni tagħhom, ikunu intitolati għall-paga minima nazzjonali;

b) Persuni li jkollhom diżabilità gravi jew gravi ħafna u li jkunu jistgħu



> *“Programm ta’ bini ta’ djar għall-familji li minħabba d-dħul tagħhom baxx ma jistgħux jikru jew jixtru mis-suq”*

jaħdmu, ikunu intitolati għall-pensjoni sħiħa tad-diżabilità;

ċ) Kull min ikollu xi parti minn ġismu maqtugħa jew li ma jkunx jista’ jħaddem dirgħajh jew riġlejh, ikun intitolat għall-pensjoni tad-diżabilità.

86. Inżidu ċ-children’s allowance speċjali għall-ġenituri ta’ tfal b’diżabilità gravi, minn €20 għal €25 fil-ġimgħa.

87. Nagħtu l-opportunità lit-tfal b’diżabilità li jattendu *summer schools* ma’ tfal. B’hekk intaffu l-piż lill-ġenituri tagħhom u lil min jieħu ħsiebhom ħalli jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu full-time, jekk ikunu jridu, b’moħħhom mistrieħ li wliedhom ikunu f’ambjent sikur, indukrati minn ħaddiema kwalifikati.

88. Tfal b’diżabilità mit-twelid ma jkollhomx għalfejn jerġgħu jiltilgħu bord.

89. Nissussidjaw *digital hearing aids* lil dawk kollha li jbatu minn nuqqas akut ta’ smigħ, u ntejbu s-servizz għal spares u sostituzzjoni tal-hearing aids fl-Isptar Mater Dei billi ndaħħlu servizz bil-*vouchers*.

90. Ninvestu fil-*guide* u s-*service dogs* kif ukoll f’min iħarriġhom.

91. Nibnu firxa ta’ ftehimiet ma’ għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu ma’ persuni b’diżabilità ħalli ngħinuhom jipprovdu servizz aqwa. Niżguraw li l-istandards jinżammu tajbin bla ma nindaħlu b’mod dirett jew b’xi mod innaqqsu l-awtonomija tal-NGOs.

92. Ngħinu aktar lill-ġenituri ta’ tfal u lill-adulti b’diżabilità li jkollhom bżonn tibdil fid-djar tagħhom biex jagħmilha aktar faċli li jkomplu jgħixu fil-komunità. Dan nagħmluh billi nżidu l-massimu tal-assi biex jikkwalifikaw għall-iskema eżistenti, minn €30,000 għal €40,000.

## INVESTIMENT FIL-BEJTA TA’ KULL FAMILJA: ID-DAR

93. Inniedu programm ta’ bini ta’ appartamenti ġodda tal-Gvern għall-familji u koppji żgħażagħ li d-dħul tagħhom ma jippermettilhomx li jikru jew jixtru mis-suq privat. Ninvolvu lis-settur privat f’dawn il-proġetti, anke permezz ta’ Private Public Partnerships.

94. Inreġġgħu lura ż-żieda antisoċjali li għamel il-Gvern preżenti fil-kirjiet tal-housing soċjali, għax din hi taxxa fuq il-faqar. Mhux talli nneħħuha, talli nroddu lura ż-żieda kollha li dawn il-familji ġew imġegħlin iħallsu matul din il-leġiżlatura.

95. L-Awtorità tad-Djar terġa' tibda tikri mingħand il-privat sabiex tkun tista' tagħti b'sussidju akkomodazzjoni soċjali lil min ikollu bżonnha.

96. Neżentaw mill-*income tax* fuq il-kera lil sidien li jkunu krew jew se jikru, lil min ikun fuq il-lista jistenna *housing* bil-kundizzjoni li l-kera tiġi ffissata fuq perjodu ta' żmien ta' għaxar snin.

97. Nirrevedu l-iskema tas-sussidju tal-kera biex aktar persuni jibbenefikaw minn sussidju ħalli jkunu jistgħu jlaħħqu mal-prezzijiet tal-kirjiet li hemm illum.

98. Nistudjaw is-sitwazzjoni li qegħdin fiha xi nies, b'mod speċjali anzjani, li minħabba deċiżjonijiet riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali, jinsabu f'riskju li jispiċċaw bla saqaf fuq rashom, sabiex noħorġu b'soluzzjoniet ħalli nirriżolvu din is-sitwazzjoni.

99. Ngħinu lill-għaqdiet li jipprovdu servizzi lil persuni bla dar. Dan nagħmluh permezz ta' għajnuna finanzjarja, sussidji, tnaqqis fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u billi nżidu s-servizzi ta' ħaddiema soċjali u komunitarji.

100. Nirriżervaw il-profitti magħmula mill-Awtorità tal-Artijiet biex jintużaw biss ħalli jitħallas min ittieħditlu l-art fil-passat u għadu sal-lum ma ngħatax kumpens. B'hekk issir ġustizzja ma' dawk li ilhom jistennew ħalli jitħallsu għall-propjetà tagħhom li ttieħdet mill-Gvern matul is-snin.

## INĦAFFU U NSAĦĦU SUQ SOSTENIBBLI TAL-PROPJETÀ

101. Inżommu l-inċentiv preżenti għall-*first time buyers* ta' eżenzjoni mit-taxxa sal-valur ta' €150,000. Għall-fini ta' din l-iskema, min ikollu diġà propjetà mhix residenzjali jew kummerċjali fuq ismu (eż. qabar, garaxx, eċċ.) inqisuh ukoll bħala *first time buyer*.

102. Indaħħlu skema ta' sussidju jew kreditu ta' taxxa fuq l-interessi ta' self fuq id-dar. B'hekk, il-Gvern jgħin lill-koppji fuq l-interessi li jħallsu fuq il-*loan* tal-ewwel dar tagħhom permezz ta' sussidju dirett jew tnaqqis ta' taxxa fil-forma ta' *tax credit* ibbażat fuq id-dħul tagħhom.

103. Nifirxu dawn iż-żewġ skemi biex japplikaw ukoll għal persuni li jkunu għadhom kif isseparaw jew iddivorzjaw u li jkollhom bżonn jixtru propjetà fejn joqogħdu.

104. Inneħħu t-taxxa fuq it-trasferiment mal-wirt ta' propjetà mill-ġenituri għat-tfal tagħhom anke f'każ meta

*"Skema ta' sussidju jew kreditu ta' taxxa fuq l-interessi ta' self fuq id-dar biex ngħinu lill-koppji li jħallsu fuq il-loan tal-ewwel dar tagħhom"*



l-propjetà ma kinetx ir-residenza prinċipali tal-ġenituri.

105. Nirrevedu l-liġijiet preżenti dwar iċ-ċens u l-bejgħ b'subbasta tal-propjetà bil-ħsieb li niċċaraw ir-rata ta' kapitalizzazzjoni u nissimplifikaw il-fidi taċ-ċnus.

## KOMUNITAJIET ĦAJJIN: INVESTIMENT FIL-KUNSILLI LOKALI

106. Nisħqu li l-Gwardjani Lokali jiddaħħlu mal-gvern għaliex ix-xogħol taż-żamma tal-ordni għandu jkun f'idejn il-Gvern.

107. Indaħħlu sistema fejn persuna li tingħata kull tip ta' ċitazzjoni, ikollha l-multa sospiża għal 6 xhur. Dan ifisser li, jekk persuna ma teħilx it-tieni ċitazzjoni fi żmien 6 xhur, l-ewwel ċitazzjoni ma titħallasx. Dan nagħmluh biex verament ikollna sistema ta' edukazzjoni u mhux magna tal-flus miċ-ċitazzjonijiet.

108. Inniedu mill-ġdid il-Fond Speċjali biex nagħtu spinta lill-Kunsilli Lokali ħalli jorganizzaw attivitajiet kulturali kif ukoll jgħinu fir-restawr ta' siti storiċi.

109. Nintroduċu programm għall-Belt Kapitali tal-Kultura fil-lokalitajiet.

110. Inżidu sostanzjalment il-baġit għall-bini u l-manutenzjoni ta' toroq residenzjali u ngħinu lill-Kunsilli Lokali jindirizzaw l-istat diżastruż tat-toroq fil-lokalitajiet.

111. Inżidu l-finanzi tal-Kunsilli Lokali billi persentaġġ mill-ħlas li jsir għal-liċenzji tal-karozzi u ta' vetturi oħrajn jinżamm mill-Kunsilli Lokali.

112. Inniedu pjattaforma diġitali ta' eDemocracy biex nagħtu d-dritt lil kulħadd jipproponi ideat u jagħti prijorità lill-proġetti li jkun jixtieq fil-lokalità tiegħu.

## KULĦADD INDAQS TAĦT IL-LIĠI: KORP TAL-PULIZIJA SERJU

113. Nemendaw il-Kostituzzjoni biex il-Kummissarju tal-Pulizija jinħatar b'vot ta' żewġ terzi fil-Parlament.

114. Niżguraw kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar għall-uffiċjali tal-Pulizija, fosthom li nistabbilixxu l-*istandard* ta' 40 siegħa xogħol fil-ġimgħa, bis-sigħat addizzjonali mħallsin bir-rata tas-sahra.

115. Nonoraw kull ftehim li sar mill-Gvern dwar il-ħlas tal-arretrati tas-sahra.

116. Nindirizzaw l-inġustizzji li sofrew membri tal-Korp tal-Pulizija biex niżguraw il-meritokrazija u nneħħu d-diskriminazzjoni fil-Korp.

117. Nintroduċu aġġustament tal-għoli tal-ħajja lil kull membru rtirat tal-Korp tal-Pulizija li jirċievi l-pensjoni tas-servizz.

118. Nagħmlu l-emendi amministrattivi meħtieġa biex niżguraw li kull xogħol *extra* minn kull membru tal-Korp tal-Pulizija jitħallas fi żmien xahrejn, bl-ewwel €10,000 dħul minn dan ix-xogħol extra jkun intaxxat bir-rata fissa ta' 10%.

119. L-*ispecial allowance*, li preżentement tingħata lil xi taqsimiet biss tal-Korp, nestenduha għall-membri kollha, ikunu fejn ikunu stazzjonati, anke fl-għases jew f'taqsimiet oħrajn.

120. Nirrevedu x-*shifts* u r-*rosters* tax-xogħol u nintroduċu aktar miżuri favur il-familja biex naraw li l-membri tal-Korp igawdu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familji u nżidu wkoll ir-rekluti nisa.

121. Inżidu l-preżenza tal-Pulizija fit-toroq biex inħarsu s-sigurtà l-aktar f'żoni partikolari fosthom Paceville, is-Swieqi, Pembroke, San Ġiljan, San Pawl il-Baħar u l-Marsa, minħabba l-isfidi partikolari li dawn il-lokalitajiet qed jiffaċċjaw.

122. Nagħtu prijorità lill-ħidma kontra d-droga u ninvestu aktar fl-Iskwadra






> *"Ninvestu f'apparat, makkinarju, għodda u karozzi moderni biex nizguraw kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u aktar effiċjenza"*

Kontra d-Droga biex din tkun aktar effettiva.

123. Nimmodernizzaw l-għases ħalli l-faċilitajiet fihom ikunu tajbin biżżejjed biex il-pubbliku jkun jista' jinqeda aħjar, kif ukoll biex intejbu d-dinjità u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri tal-Korp.

124. Inżidu l-istallazzjoni ta' CCTV fejn meħtieġ u ninvestu f'apparat aħjar, bħal *body cameras, tablets, drones,* GPS u *crime alert app*. B'hekk intejbu s-sigurtà tal-membri tal-Korp u nżidu l-kapaċità tal-Korp li jiġġieled il-kriminalità b'mod effettiv.

125. Intejbu l-iżvilupp professjonali u nerġgħu ndaħħlu l-meritokrazija fil-Korp. Nintroduċu *scholarships full-time* u *part-time* biex ngħinu lill-membri tal-Korp jagħmlu korsijiet *undergraduate* u *postgraduate*. Tal-inqas, kull uffiċjal fis-servizz ikollu l-opportunità li jieħu taħriġ darba fis-sena biex niżguraw li l-membri tal-Korp jibqgħu dejjem aġġornati mal-aħħar żviluppi f'dan il-qasam.

126. Inżommu l-membri tal-Korp li hemm bħalissa *part-time*, u nirreklutaw aktar.

## SERĦAN IL-MOĦĦ: PROTEZZJONI ĊIVILI PROFESSJONALI

127. Niżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-membri kollha tal-Protezzjoni Ċivili, inkluż billi ndaħħlu ġimgħa ta' 40 siegħa, u fil-każ li jaħdmu sigħat *extra*, dawn jitħallsu bir-rata tas-sahra.

128. Nintroduċu aġġustament fil-kalkolu tal-għoli tal-ħajja lill-membri rtirati kollha tal-Protezzjoni Ċivili li jieħdu pensjoni tas-servizz.

129. Ninvestu f'apparat, makkinarju, għodda u karozzi moderni biex niżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aktar sikuri u Dipartment tal-Protezzjoni Ċivili aktar effiċjenti.

130. Nindirizzaw l-inġustizzji li sofrew membri tad-Dipartiment biex niżguraw il-meritokrazija u nneħħu d-diskriminazzjoni bejn il-membri.

## KUNDIZZJONIJIET AĦJAR GĦALL-UFFIĊJALI KORRETTIVI WKOLL

131. Niżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-Uffiċjali Korrettivi kollha, inkluż li ndaħħlu ġimgħa ta' 40 siegħa fil-ġimgħa, bis-sigħat żejda maħdumin jitħallsu bir-rata tas-sahra.

132. Indaħħlu aġġustament fil-kalkolu tal-għoli tal-ħajja lill-Uffiċjali Korrettivi rtirati kollha li jirċievu pensjoni tas-servizz.

133. Nindirizzaw l-inġustizzji li sofrew l-Uffiċjali Korrettivi biex niżguraw il-meritokrazija u nneħħu d-diskriminazzjoni bejniethom.

## IR-RIABILITAZZJONI PRIJORITÀ FIL-FAĊILITAJIET KORRETTIVI

134. Intejbu l-programmi edukattivi ġa eżisteni għax nemmnu li r-riabilitazzjoni għandha tkun prijorità.



135. Intejbu u nappoġġjaw is-sistema ta' *parole* biex niżguraw li r-residenti li jikkwalifikaw għall-*parole* ikollhom l-applikazzjoni tagħhom mismugħa mingħajr dewmien.

136. Niżguraw titjib sostanzjali fl-ikel u fil-livell tal-iġjene fil-Faċilità Korrettiva, filwaqt li niżguraw li l-prezzijiet fil-ħanut tal-Faċilità jkunu ġusti.

137. Nagħmlu ħidma qawwija kontra l-abbuż ta' sustanzi illegali fil-faċilitajiet korrettivi.

138. Nagħrfu u nappoġġjaw l-għaqdiet volontarji li jaħdmu fir-riabilitazzjoni f'dan il-qasam, u nassistu u nappoġġjaw il-familji tar-residenti fil-faċilitajiet korrettivi.

139. Intejbu d-diviżjonijiet speċjali fil-faċilitajiet korrettivi u naraw li jissodisfaw il-bżonnijiet tar-residenti LGBTIQ.

140. Inżidu n-numru ta' Probation Officers u nindirizzaw in-nuqqasijiet fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

## KUNDIZZJONIJIET XIERQA GĦALL-MEMBRI TAL-FORZI ARMATI

141. Nipprovdu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja għal dawk li qegħdin fis-servizz, irġiel u nisa, billi nistabbilixxu ġimgħa tax-xogħol ta' 40 siegħa.

142. Nagħtu rifużjoni ta' taxxa sa €300 fis-sena lill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta biex nissussidjaw sħubija u użu ta' faċilitajiet ta' sport u *gyms*. Nintroduċu Forces Travel Card biex nagħtu trasport pubbliku b'xejn lill-membri tal-Forzi Armati. Nintroduċu sigħat imnaqqsa ta' xogħol, il-possibiltà ta' xogħol *part-time*, kif ukoll ħinijiet tax-xogħol flessibbli meta l-esiġenzi tax-xogħol jippermettu.

143. Inwaqqfu Bord għall-Investigazzjoni tal-Ilmenti biex jistħarreġ u jagħti rimedju xieraq għall-ilmenti mressqa. Niżguraw li ssir ġustizzja ma' kull min għadu fis-servizz kif ukoll ma' dawk li rtiraw mill-Forzi Armati.

144. Nintroduċu aġġustament għall-għoli tal-ħajja lill-membri rtirati kollha tal-Forzi Armati ta' Malta li jirċievu pensjoni tas-servizz.

145. Nagħtu rikonoxximent għall-impenn 'il fuq mis-servizz rikjest minnhom lill-membri nisa u rġiel tal-Forzi Armati li volontarjament servew f'operazzjonijiet militari barra minn Malta. Nikkunsidraw ukoll kull xahar komplut fis-servizz barra minn Malta bħala xahrejn fil-kalkolu tas-servizz għall-għoti tal-pensjoni.

146. Nintegraw b'mod sħiħ lill-Voluntiera Riżervi fi ħdan il-korp prinċipali tal-Forzi Armati. Hu l-għan tagħna li nkabbru l-Volunteer Reserve Force biex l-Armata tgawdi l-ħiliet estensivi li dawn ir-riżervi jista' jkollhom. Il-Volunteer Reserves Force tkun tista' sservi f'għadd ta' operazzjonijiet militari, kemm lokali kif ukoll barra. Nużaw ukoll il-qafas tal-Volunteer Reserve Force biex indaħħlu l-esperjenza ta' nies bi kwalifiċi professjonali bħal avukati, periti, inġiniera, tobba u oħrajn.

## ĊITTADINANZA NADIFA

147. Niżguraw li fl-għoti taċ-ċittadinanza, tingħata prijorità mistħoqqa lil dawk li jkunu *bona fide* u lill-familji tagħhom li jkollhom rabta vera ma' Malta. L-applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza jkunu kkunsidrati fil-pront. Niżguraw li s-sigurtà ta' pajjiżna tibqa' l-aktar prijorità importanti f'kull ħin.

148. Innaddfu l-Individual Investor Programme (IIP) li ġie abbużat u korrott mill-Gvern Laburista li tappan ir-reputazzjoni ta' pajjiżna. Għal dan il-għan, inwaqqfu grupp ta' esperti, inklużi dawk li għandhom sehem f'dan il-qasam *(stakeholders)*, biex ifasslu rakkomandazzjonijiet ħalli l-IIP jkun rivedut b'mod li niżguraw li jkun ibbażat b'aktar qawwa fuq l-investiment f'Malta u l-impenn għat-tul lejn pajjiżna.



# JIEN NAGĦŻEL

# EKONOMIJA GĦAN-NIES

Għalina, l-ekonomija mhijiex għan fih innifsu, imma hi mezz biex inwasslu għal qabża 'l quddiem fil-kwalità tal-ħajja. Għalina, ekonomija b'saħħitha mhix l-istatistika fuq il-karta imma hi l-ekonomija reali fejn il-ġid jinħoloq u għandu jitqassam b'mod ġust: fi kliem ieħor, ekonomija għan-nies.

Aħna kburin li l-pedamenti tal-ekonomija li għandna llum bnewhom gvernijiet Nazzjonalisti preċedenti. Għandna *track record* mill-aqwa fil-ħolqien ta' setturi ekonomiċi ġodda li kattru l-impjiegi b'pagi aħjar. Il-viżjoni tagħna diġà ttrasformat l-ekonomija tagħna.

Issa, wara erba' snin bla viżjoni ekonomika għat-tul, irridu ntellgħu l-ekonomija għal-livell li jmiss.

Naraw li t-tkabbir ekonomiku jigi mbuttat 'il quddiem qabelxejn mir-reputazzjoni soda ta' pajjiżna. Fuq dan il-pedament inpoġġu l-innovazzjoni, it-talent tar-riżorsi umani, l-aċċess għall-finanzjament, it-teknoloġija, is-sostenibilità u l-kwalità tal-ambjent li ngħixu fih.

Irridu nagħmlu l-ekonomija tagħna mudell ta' ekonomija moderna u sostenibbli.

## MIRI EWLENIN

149. Nintrabtu li noħolqu 30,000 impjieg ta' kwalità fis-settur privat u naraw li d-dħul medjan fl-industrija jiżdied bejn 25% u 30% tul il-leġiżlatura ta' ħames snin biex nindirizzaw ukoll il-problema tal-pagi baxxi u l-prekarjat.

150. Fil-finanzi tal-Gvern, il-mira li jmiss hi li nżommuhom fi stat sostenibbli dejjem u bla ebda eċċezzjoni. Nibdew innaqqsu b'mod reali d-dejn nazzjonali biex b'hekk jitnaqqas ukoll il-piż tal-interessi. Indaħħlu fil-Kostituzzjoni l-obbligu li l-baġit jimxi skont l-esiġenzi tal-Pakkett tal-Istabilità u Tkabbir tal-Unjoni Ewropea, biex b'hekk kull Gvern fil-futur ikun marbut bl-obbligu li jżomm il-finanzi tal-pajjiż fis-sod.



*"Naraw li t-tkabbir ekonomiku jigi mbuttat 'il quddiem qabelxejn mir-reputazzjoni soda ta' pajjiżna"*

## ID-DIREZZJONI EKONOMIKA

151. Nibdew naħdmu minnufih biex nerġgħu nibnu r-reputazzjoni ta' Malta bħala pajjiż ta' fiduċja, stmat, sikur u ġust.

152. Nikkonsolidaw il-pożizzjoni tas-setturi tas-servizzi finanzjarji, il-*gaming*, l-avjazzjoni, il-farmaċewtika, ix-xjenzi tal-ħajja, il-manifattura avanzata u l-loġistika. Fejn meħtieġ, lesti li nirrevedu l-qafas regolatorju, nagħtu sens ta' direzzjoni ġdida, nindirizzaw ir-riskji li qed jiffaċċjaw dawn is-setturi, insaħħu l-preżenza tagħhom f'Malta, intejbu l-valur miżjud u, l-aktar importanti, inwasslu għal żidiet fil-pagi tal-ħaddiema.

153. Inwaqqfu Kunsill Ekonomiku bħala bord konsultattiv li jagħti pariri lill-Prim Ministru dwar is-sostenibilità fit-tul tal-ekonomija, dwar l-opportunitajiet u r-riskji marbuta ma' ċerti *policies* u ċerti setturi. Il-Kunsill Ekonomiku jkun magħmul minn nies ta' stima u imparzjalità, u jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex iwettaq xogħlu.

154. Naħtru Mibgħut Speċjali għall-Brexit sabiex jara li pajjiżna jilqa' għal kull effett ħażin li jista' jkun hemm bit-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni



*“Intejbu l-valur miżjud u, l-aktar importanti, inwasslu għal żidiet fil-pagi tal-ħaddiema”*

Ewropea u, aktar minn hekk, jara li nidentifikaw u nisfruttaw bla aktar dewmien l-opportunitajiet li jista' jkun hemm għal Malta.

## L-EWWEL PRIJORITAJIET BIEX NIKKONSOLIDAW L-EKONOMIJA

155. Il-konsolidazzjoni tas-setturi tas-servizzi finanzjarji tkun prijorità immedjata:

a) Inwaqqfu immedjatament *High-Level Expert Group*, bil-parteċipazzjoni tal-i*stakeholders*, sabiex jeżamina s-sitwazzjoni fis-settur, u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar x'għandu jsir.

b) Il-Kummissjoni tintalab ukoll tħejji strateġija nazzjonali dwar is-settur tas-servizzi finanzjarji li tkun tista' titwettaq fuq perjodu ta' ħames snin.

ċ) L-awtoritajiet regolatorji f'dan il-qasam – l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA), il-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) u Finance Malta – isiru independenti sabiex joperaw ħielsa minn kull indħil politiku.

d) Nagħmlu enfasi fuq l-importanza tal-innovazzjoni fil-qafas regolatorju tas-settur.

156. Naraw li nżommu l-linja nazzjonali tal-ajru Maltija għax nemmnu li pajjiżna għandu bżonn linja nazzjonali biex iżomm l-aċċessibilità minn u lejn Malta. Dan nagħmluh b'investiment lokali u soluzzjonijiet ġusti għall-ħaddiema.

157. Nilħqu nefqa ta' 3% tal-Prodott Domestiku Gross fir-riċerka u l-innovazzjoni f'Malta fuq medda ta' ħames snin, u nżidu b'10% kull sena l-impenn pubbliku favur proġetti u inizjattivi ta' riċerka, teknoloġija, żvilupp u innovazzjoni. Dan flimkien ma' żieda f'investimenti oħrajn fil-qasam tal-edukazzjoni għolja.

158. Ngħinu lis-settur privat jagħmel *upgrading* tal-infrastruttura tat-telekommunikazzjoni għal *ultra high speed internet* f'Malta u għal

investiment akbar fil-konnettività tagħna permezz ta' proġetti ta' *international connectivity cables* li jgħaqqdu lil Malta ma' *internet backbones* separati kemm mal-Ewropa kif ukoll mal-Afrika.

159. Niżviluppaw bis-serjetà l-industrija tal-loġistika b'mod li nintegraw u nisfruttaw il-potenzjal tas-setturi marittimi, tal-avjazzjoni, kummerċ, finanzjament tal-kummerċ, *risk management*, assigurazzjoni, *supply chain management*, ċertifikazzjoni u teknoloġija tad-distribuzzjoni.

160. Nikkonsolidaw u nwessgħu l-pożizzjoni ta' Malta bħala nazzjon marittimu ta' reputazzjoni internazzjonali u noħolqu klima fejn kull tip ta' servizz marbut mas-setturi marittimi mhux biss jiġi offrut minn Malta imma neħduh għal-livell li jmiss.

161. Naraw li Malta ssir l-ewwel pajjiż fejn is-servizzi tal-Gvern lin-negozju (G2B) jingħataw kompletament b'mod diġitali. Naraw b'mod partikolari li kull xiri mill-Gvern (*public procurement*) isir b'mod diġitali biex naċċertaw li jkun hemm trasparenza sħiħa u ġustizzja, u naraw li l-ħlasijiet għal kulma jixtri l-Gvern isiru f'temp ta' 30 ġurnata.

162. Naraw li 25% tax-xiri mill-Gvern isir mingħand negozji żgħar ħafna (*micro*) u negozji żgħar li jimpjegaw anqas minn 50 ruħ; dan biex niżguraw li ż-żgħir ikollu sehem akbar fl-ekonomija.



163. Nattakkaw bis-saħħa l-kummerċ illegali, inkluż dawk li jidħlu u joħorġu mill-pajjiż bla ma jirreġistraw u jħallsu t-taxxi hawn Malta.

## NOĦOLQU SETTURI EKONOMIĊI ĠODDA

164. FinTech: nagħmlu lil Malta *leader* fir-reġjun għas-settur tal-FinTech, settur li joħloq sinerġija bejn is-settur tas-servizzi finanzjarji u dak tal-informatika. Naħdmu mal-i*stakeholders* biex noħolqu l-aħjar klima u qafas regolatorju biex dan isir, u nwaqqfu FinTech Mobilisation Fund ta' €200M biex nissapportjaw lis-settur.

165. Digital Media: inwaqqfu International Digital Media Cluster biex ikollna ċentru li jattira l-investiment, l-innovazzjoni u l-aqwa talent fis-settur tad-*digital content*, *media* u *creative design*.

166. Sport: niffukaw fuq l-isport bħala settur mhux biss soċjali imma settur ekonomiku importanti fl-ekonomija tagħna li jġib flimkien l-attivitajiet sportivi, it-turiżmu, l-edukazzjoni, l-i*sports medicine*, ir-riabilitazzjoni, il-liġi dwar l-isport, *marketing*, *media rights* u *support services*. Noħolqu Seed Fund biex inħajru lis-settur privat jinvesti b'aktar saħħa f'dan is-settur u naħdmu id f'id mal-



*"Ngħinu sabiex is-sidien tan-negozji ż-żgħar ikunu jistgħu jinvestu ħalli jikbru billi jkunu aktar innovattivi, aktar produttivi, aktar effiċjenti u jimirħu ukoll fis-swieq barranin"*

assoċjazzjonijiet sportivi u l-*clubs* biex narawhom jikbru f'operaturi ekonomiċi.

167. Intrapriża soċjali: nibnu settur ta' intrapriża soċjali u nistabbilixxu lil Malta bħala ċentru internazzjonali li jattira *headquarters* ta' *charities*, għaqdiet u NGOs internazzjonali. Biex nagħmlu dan, inwaqqfu Social Enterprise Fund ta' €50M biex jgħin *seed investment* fi proġetti ġodda. Nagħtu spinta permezz ta' inċentivi lill-koperattivi biex insaħħu dan il-qasam li jista' jkollu effett qawwi ħalli mill-ekonomija jgawdi tassew kull min jaħdem fiha.

168. Internet of Things: noħolqu f'pajjiżna ambjent urban fil-bliet u l-irħula tagħna li jisfrutta dak li jissejjaħ l-Internet of Things, fejn oġġetti li nużaw fil-ħajja ta' kuljum tagħna jkunu mqabbdin mal-internet u jkunu jistgħu jirċievu u jibagħtu informazzjoni b'mod li jistgħu jtejbu l-kwalità tal-ħajja tagħna. Irridu nattiraw l-aqwa *players*, innovaturi u *start-ups* biex niżviluppaw dan is-settur ġdid, innovattiv u eċċitanti. Irridu naraw li aktar minn qatt qabel, l-IoT, it-teknoloġija fuq il-mobile, il-*cloud applications*, it-teknoloġija tad-*drones*, it-*3D printing* u d-*data analytics* isiru parti mis-suċċess ekonomiku ta' pajjiżna.

*169. Blockchain* u *crowdfunding*: infasslu qafas regolatorju dinamiku f'oqsma ġodda fjamanti, bħall-*blockchain* u *crowdfunding*, u nesploraw ukoll, permezz ta' riċerka, oqsma oħra bħal *robotics*, *biotech*, *genomics* u *cybersecurity*.

## APPOĠĠ GĦAN-NEGOZJU

170. Nagħtu lin-negozji żgħar u s-*self-employed* għadd ta' inċentivi sostanzjali ta' tnaqqis fit-taxxa tad-dħul biex innaqqsulhom għal 10% biss it-taxxa fuq l-ewwel €50,000 profitt operattiv. Dan ifisser li jħallsu €5,000 biss fuq l-ewwel €50,000 qligħ. Dan japplika għal kull tip ta' negozju, minn ħanut għal servizzi, inklużi s-*self-employed* kollha.

171. Inżidu l-kapital tal-Malta Development Bank bi €360 miljun biex dawn jintużaw bħala garanziji fuq self lin-negozji u *start-ups* Maltin. B'hekk ikunu jistgħu jinvestu ħalli jikbru billi jkunu aktar innovattivi, aktar produttivi, aktar effiċjenti u jimirħu fis-swieq barranin. Dawn il-garanziji fuq self ikunu jvarjaw bejn €25,000 u €250,000 u jkunu mħaddmin b'sistema miftuħa u trasparenti bbażata fuq il-mertu u d-diliġenza xierqa.

172. Inneħħu t-taxxa tas-sisa mdaħħla fl-2016 fuq għadd ta' prodotti kożmetiċi u tal-iġjene, biex b'hekk inneħħu għalkollox waħda mill-aktar taxxi inġusti imposti mill-Gvern Laburista.

173. Inkabbru l-programmi eżistenti tal-*micro-invest*, inżidu l-massimu tal-investiment megħjun minn dawn il-programmi, u nipprovdu soluzzjonijiet apposta għal industriji partikolari.

174. Innеħħu l-*income tax* għal tliet snin (sa massimu ta' €40,000 taxxa fis-sena għall-ewwel tliet snin) lin-negozji lokali u barranin li jibdew joperaw f'Malta f'oqsma speċifiċi tal-innovazzjoni u li jissieħbu ma' universitajiet Maltin jew istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja.

175. Nifhmu li l-iskadenza għal ċerti kirjiet kummerċjali li tagħlaq fl-2018/2028 hija uġigħ ta' ras għal ħafna negozjanti. Aħna nidħlu f'diskussjonijiet, inkluż mal-għaqdiet rappreżentattivi, biex tinstab soluzzjoni ekwa u ġusta li tindirizza din il-kwistjoni.

176. Nattiraw *venture capital* għal investiment fil-qasam tal-innovazzjoni billi nnaqsu t-taxxa fuq il-qligħ kapitali fuq dan l-investiment permezz ta' mekkaniżmu ta' kreditu ta' taxxa.

177. Inwaqqfu *Business Angel Fund* immirat biex jipprovdi kofinanzjament daqs kemm jinvestu l-investituri informali *(business angels)*.

178. Inneħħu t-taxxa fuq it-trasferiment mal-wirt ta' negozju fil-familja, kemm jekk ikunu ishma kif ukoll jekk tkun propjeta' immobbli.

179. Innaqqsu r-rata tat-taxxa fuq il-profitt li jkun investit mill-ġdid fil-kumpanija għal 15% (suġġett għal numru ta' kundizzjonijiet tal-investiment).

180. Nagħmlu reviżjoni tas-sistema tal-multi u interessi mħaddma mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni biex, filwaqt li nassiguraw li jservu ta' deterrent għal min idum biex iħallas it-taxxa dovuta, min-naħa l-oħra nagħmluha aktar faċli li persuna tirregolarizza ruħha mingħajr multi u interessi esagerati u mingħajr ma tispiċċa l-ħabs.

## IT-TURIŻMU

181. Nagħtu *tax credits* ta' 50% fuq l-ispejjeż kapitali lil dawk l-individwi jew kumpaniji li jikkonvertu l-propjetajiet residenzjali fiċ-ċentri antiki tal-irħula u l-ibliet tagħna f'postijiet ta' akkomodazzjoni turistika.

182. Waqt li nħeġġu lill-intraprendituri biex ikomplu jinvestu f'akkomodazzjoni *5-star* u jħarsu lejn investimenti *6-star*, inniedu skemi ta' *grants* maħsuba biex jgħinu fl-*upgrade* minn *3-* għal *4-star*, u fit-titjib ta' faċilitajiet *4-star* diġà eżistenti, sabiex ebda settur fil-qasam tal-akkomodazzjoni ma jaqa' lura.



*Ninvestu fi proġetti ta' tisbiħ b'risq il-prodott turistiku ta' pajjiżna. Proġetti jkunu jorbtu mal-ħtiġiet ta' ċerti zoni turistiċi"*

183. Nikkummissjonaw *carrying capacity study* sabiex, mingħajr ma nagħtu x'nifhmu li rridu b'xi mod nillimitaw in-numru tat-turisti li jżuru pajjiżna, nidentifikaw il-ħtiġiet ta' investiment speċifiku, partikolarment fl-infrastruttura ta' pajjiżna u fl-appell turistiku fix-*shoulder months,* biex nimmassimizzaw il-potenzjal tagħna, u nkun attrezzati għall-volum ta' turisti li jżuruna.

184. Ninvestu – anki bl-użu tal-fondi Ewropej – fi proġetti infrastrutturali u ta' tisbiħ b'risq il-prodott turistiku ta' pajjiżna. Dawn il-proġetti jkunu jorbtu mal-ħtiġiet ta' ċerti zoni turistiċi.

185. Ngħinu l-operaturi fil-livelli kollha biex dawn isaħħu l-preżenza tagħhom bl-aktar mod effettiv fuq l-internet. Nallokaw riżorsi għat-tiftix ta' swieq ġodda waqt li nsostnu u nżidu l-*marketing* għas-swieq eżistenti. Fejn jirriżulta li jkun vijabbli, nallokaw *budgets* ġodda għas-swieq identifikati, biex niżviluppaw il-preżenza u l-kuntatti ta' pajjiżna ma' dawn is-swieq.

186. Ninkoraġġixxu dawk in-niċeċ li jkunu relattivament ġodda u li jġibu turiżmu ta' kwalità tul is-sena kollha. F'dawn in-niċeċ ninkludu: it-tiġijiet ta' koppji barranin f'pajjiżna, it-turiżmu għall-attivitajiet sportivi, it-turiżmu reliġjuż u kulturali, u t-turiżmu għal skopijiet mediċi. Ma' dawn, naturalment, ma nistgħux ma norbtux it-tisħiħ fis-settur tal-konferenzi.



# JIEN NAGĦŻEL

# KWALITÀ AQWA TAL-ĦAJJA

L-impenn tagħna li ntejbu l-kwalità tal-ħajja huwa impenn serju rifless anke fil-pubblikazzjoni 'Kwalità Aqwa tal-Ħajja Għalik' fejn diġà għamilna aktar minn 170 proposta, l-aktar dwar l-ambjent naturali u mibni. Irridu niżguraw li s-soċjetà tagħna ssostni żvilupp u suċċess ekonomiku, tindirizza ħtiġiet soċjali b'mod li ma tgħarraqx l-ambjent, u twassal biex kulħadd ikollu l-kwalità tal-ħajja li tixraqlu.

Irridu nqiegħdu l-edukazzjoni, is-saħħa u s-serħan tal-moħħ tal-persuna fiċ-ċentru tal-politika tagħna, u nikkommettu ruħna li ntejbu l-għajxien fl-irħula u fl-ibliet, bl-apprezzament u t-tgawdija tal-wirt naturali u mibni, u bil-promozzjoni ta' stil ta' ħajja b'saħħitha.

# KURA AQWA TAS-SAĦĦA

187. Insibu post adegwat viċin l-Isptar Mater Dei biex nibnu Ċentru għas-Saħħa Mentali ġdid, bħalma bnejna ċ-Ċentru tal-Onkoloġija, biex ma nibqgħux nużaw l-Isptar Monte Carmeli. Nagħtu appoġġ akbar lill-professjonisti, lill-ħaddiema u lill-qraba fil-qasam tas-saħħa mentali, inkluż aċċess aħjar għal servizzi ta' kura temporanja u tim ta' intervent waqt kriżi li jkun imħarreġ u attrezzat 24 siegħa kuljum. Niżguraw li tingħata attenzjoni xierqa lill-qraba f'dawk li huma pariri u appoġġ.

188. Nagħtu lura lill-Għawdxin l-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Nagħtu lura lill-pubbliku wkoll servizzi oħrajn li għaddew għand il-privat minn wara dahar kulħadd, bħad-dermatoloġija u l-prostetika. Dawk il-persuni li telqu l-impjieg pubbliku biex jingħaqdu ma' VGH jingħataw l-opportunità li jidħlu lura fis-servizz.



189. Niżguraw li Malta ssir ċentru ta' eċċellenza fil-ġlieda kontra d-dijabete, kundizzjoni li tolqot aktar minn 10% tal-popolazzjoni tagħna. L-istrippi tal-monitoraġġ taz-zokkor, u l-mediċini kollha, inkluża l-insulina, nagħtuhom b'xejn lill-pazjenti kollha tad-dijabete tat-tip 2, bħal dawk li għandhom il-kundizzjoni tat-tip 1. Wara konsultazzjoni mal-pazjenti u l-professjonijiet mediċi, naraw kif inhu l-aħjar mod biex nintroduċu l-pompi tal-insulina u l-monitoraġġ kontinwu taz-zokkor. Nistudjaw kemm hemm ħaddiema fid-dipartiment tad-dijabete – li hu żgħir wisq biex ilaħħaq mat-talbiet li jkollu – biex inkabbru s-servizzi tal-edukazzjoni u l-prevenzjoni. Nagħtu wkoll lill-pazjenti l-possibilità li jagħżlu l-*vouchers* b'xejn minflok apparat b'xejn.

190. Nindirizzaw, lil hinn mill-isptarijiet tagħna, l-erba' kawżi ewlenin tal-mard u l-imwiet f'pajjiżna, minbarra d-dijabete, biex inkunu nistgħu noffru l-ħarsien u l-kura fid-djar stess, qrib il-komunità fejn tgħix. L-obeżità, il-kanċer, il-mard respiratorju u dak kardjovaskulari jkunu fil-mira ta' programm ta' monitoraġġ u screening biex noffru prevenzjoni u appoġġ fil-komunità, u niżguraw li jkopru d-dixxiplini kollha fil-qasam tal-kura, bħal esperti tad-dieta, podoloġisti, psikoloġisti u konsulenti.

191. Inwaqqfu l-prattika xejn dinjituża li morda bil-kanċer ikollhom imorru jittallbu għall-kemoterapija għand il-Community Chest Fund. Għalhekk, lil dawk li huma morda bil-kanċer nagħtuhom il-kemoterapija li jkollhom bżonn b'xejn.

192. Nipprovdu klinika *one-stop-shop* u multi-dixxiplinari għal dawk li jsofru minn kundizzjonijiet bħall-*fibromyalgia*, ME, MS, *chronic fatigue syndrome* u diżabbiltajiet oħra inviżibbli. Is-servizz li qed jingħata bħalissa għal dawn il-kundizzjonijiet hu inadegwat għat-talba li qed ikun hemm.

193. Nindirizzaw l-effett soċjali tal-uġigħ, li dejjem qed jikber. Minħabba nuqqas ta' riżorsi, is-servizzi li qed jingħataw mill-Klinika tal-Uġigħ fl-Isptar Mater Dei qed jirriżultaw f'*waiting list* twila. Ninvestu f'aktar ħaddiema multi-dixxiplinari, f'kuri tradizzjonali u alternattivi, kliniċi aħjar u servizz fil-komunità aħjar, minbarra fil-Mater Dei.

194. Nindirizzaw l-awtiżmu, partikolarment biex intejbu s-servizzi taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU). B'hekk nagħmlu s-servizzi aktar aċċessibbli għall-familji kollha li qed jiffaċċjaw l-isfida ta' din id-diżabilità moħbija. Naħdmu id f'id mal-familji, l-esperti u l-għaqdiet volontarji f'dan il-qasam.

195. Nipprovdu l-medikazzjoni neċessarja b'xejn lill-koppji li jkunu se jagħmlu l-proċedura tal-IVF.

196. Inżidu l-valur tal-*voucher* għal dawk li jsofru mill-kundizzjoni tas-*celiac* minn €50 għal €150. Nistudjaw ukoll il-possibilità li nintroduċu sistemi simili għal dawk li jsofru minn mard kroniku ieħor li jkollu bżonn ħarsien speċjali, kemm jekk ikun wieħed ta' dieta kif ukoll ta' apparat jew bżonnijiet oħrajn.

197. Innaqqsu l-ħin tal-ipproċessar fid-Dipartiment tal-Emerġenza. Nagħrfu li hemm problema fis-sistema tal-ħruġ, li hi r-riżultat ta' numru ta' eżamijiet mediċi li xi pazjenti jkollhom jagħmlu qabel ma jiddaħħlu jew qabel ma jintbagħtu lura d-dar. Inżidu n-numru ta' *units* għad-deċiżjonijiet kliniċi biex inħallu lill-ħaddiema mediċi jikkonċentraw fuq il-bżonnijiet tal-pazjenti kritiċi.

198. Nistabbilixxu klinika fid-Dipartiment tas-Saħħa Nazzjonali għall-ħtiġiet tal-ġeneru, bin-nies imħarrġa meħtieġa u nipprovdu t-terapija ormonali u l-operazzjonijiet għall-persuni trans. Nassiguraw li jkollna f'idejna l-aktar medikazzjoni riċenti għall-persuni milqutin mill-HIV.

199. Nintroduċu l-Pre-Exposure Prophylaxis (PrEP) u l-Post-Exposure Prophylaxis (PEP). Nassiguraw li dawn is-servizzi jkunu aċċessibbli għal kulħadd u li jingħataw mingħajr ħlas.



## TMEXXIJA MEDIKA AQWA FAVUR IL-PAZJENTI U L-ĦADDIEMA

200. Noffru *tax breaks* u ħlas lura lil dawk il-persuni jew kumpaniji li jagħżlu li jkollhom polza tas-saħħa medika.

201. Ninfurzaw bis-sħiħ id-drittijiet minquxin fiċ-Charter tad-Drittijiet tal-Pazjent billi nintroduċu l-liġijiet meħtieġa biex ninfurzaw dawn id-drittijiet. Dawn jinkludu d-dritt li pazjent ifittex awtorizzazzjoni minn qabel biex jieħu kura f'xi istituzzjoni ta' kura f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor Ewropew, jekk din il-kura ma tkunx ingħatatlu wara żmien stabbilit.

202. Nagħtu mediċini b'riċetta tat-tabib b'xejn li dawk kollha li jgħixu bil-pensjoni biss minħabba l-età jew xi diżabilità.

203. Nagħtu mediċini b'riċetta tat-tabib b'xejn ukoll lil dawk kollha li jsofru minn mard kroniku bħad-dijabete, l-ekżema u l-osteoporożi, li mhumiex irreġistrati bħala diżabilità fiżika jew dgħufija konjittiva.

204. Nagħtu prijorità aqwa lill-ħaddiema f'dan il-qasam biex niżguraw li jkun hemm dejjem biżżejjed ħaddiema fis-settur biex jilqgħu għall-bżonnijiet tal-pajjiż fil-qasam tal-kura. Nirrikonoxxu l-kontribut importanti tal-ħaddiema mhux professjonisti, bħall-*carers*, l-assistenti tas-saħħa, u n-*nursing aides*, billi noffrulhom skemi ta' boroż ta' studju u *tax rebates* biex ikomplu jitħarrġu u jiżviluppaw. Nagħtuhom *allowances* speċjali regolari marbutin mal-qadi tad-dmirijiet tagħhom. Professjonisti fil-qasam tal-kura anċillari jerġgħu jingħataw it-titlu tal-professjoni tagħhom, bħal pereżempju, Fiżjoterapisti, Occupational Therapists, eċċ. Niżviluppaw qafas legali li jaħseb għar-rwoli anċillari fil-professjoni tas-saħħa u n-*nursing*.

205. Nagħmlu ftehimiet mal-għaqdiet volontarji, partikolarment dawk fis-saħħa mentali u fil-qasam tal-kura fil-komunità, biex nappoġġjaw ix-xogħol li jagħmlu u nsostnu xogħolhom b'mod attiv. Niżguraw li l-i*standards* jinżammu, mingħajr



*"Inkabbru s-servizz pubbliku tal-kura primarja bil-ftuħ ta' ċentri tas-saħħa ġodda"*

l-ebda interferenza jew indħil fl-awtonomija tal-NGOs infushom.

206. Infasslu ftehim kollaborattiv mas-settur privat, sptarijiet, kliniċi, prattiċi privati u anke koperattivi, biex innaqqsu l-istennija u nħaffu l-piż minn fuq is-servizz pubbliku tas-saħħa.

207. Nibdew programm ta' tkabbir u tisbiħ taċ-Ċimiterju tal-Addolorata u ċimiterji oħrajn biex niżguraw li dawn il-postijiet ikollhom id-dinjità u r-rispett li jixirqilhom. Nonoraw kull konvenju fuq l-oqbra bil-prezz oriġinali ta' €5,000, u noħorġu offerti biex niżguraw il-manutenzjoni xierqa taċ-ċimiterji kollha.

## STIL TA' ĦAJJA B'SAĦĦITHA

208. Inniżżlu l-livell tal-obeżità fuq medda ta' 10 snin għal dak li hu medju fl-Ewropa, b'miri ċari għal kull perjodu. L-obeżità fost il-Maltin qed dejjem tikber. Nafu li l-obeżità tikkaġuna u taggrava ħafna tipi ta' mard. Nibdew programm nazzjonali bl-involviment tal-partijiet kollha interessati biex nindirizzaw l-obeżità b'mod effettiv. Dan il-programm ikun ċar u b'miri li jistgħu jintlaħqu, u jkun jinkludi l-iskejjel, il-kunsilli lokali, id-djar tal-anzjani, kif ukoll is-settur privat u dak pubbliku tas-saħħa. L-għan aħħari jkun li nnaqqsu l-piż żejjed u ntejbu s-saħħa tagħna bħala poplu.

## KURA TAS-SAĦĦA EQREB LEJK

209. Inkabbru s-servizz pubbliku tal-kura primarja bil-ftuħ ta' ċentri tas-saħħa ġodda fit-Tramuntana u fiċ-ċentru ta' Malta.

210. Nagħtu appoġġ lil dawk li jagħżlu li jieħdu ħsieb il-ġenituri tagħhom f'darhom, jew xi qarib anzjan, jew li jkun qed isofri minn xi kundizzjoni fiżika kronika, akuta jew mentali.

## L-ISKEJJEL TAGĦNA FIL-BAŻI TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

211. Prijorità tagħna tkun li nroddu lura r-rispett lill-edukaturi u lill-professjoni tal-għalliema. Dan nagħmluh billi ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-edukaturi b'żidiet fis-salarji; nindirizzaw kwistjonijiet marbuta mal-piż tax-xogħol tagħhom; noħolqu opportunitajiet għal ippjanar u parteċipazzjoni f'attivitajiet kollaborattivi u ko-kurrikulari; inżidu l-opportunitajiet għal taħriġ u tagħlim professjonali; nagħtu aktar fondi għal taħriġ professjonali kontinwu, inkluż taħriġ barra minn Malta; inżidu r-riżorsi lit-timijiet psiko-soċjali; inżidu u nsaħħu l-appoġġ amministrattiv; innaqqsu l-piżijiet burokratiċi fit-tmexxija u l-immaniġġjar; u nipprovdu riżorsi għal forom ġodda ta' tagħlim bħal *teaching by doing*.

212. Nagħtu appoġġ sħiħ lill-edukaturi f'xogħolhom, u nħallu lill-għalliema jgħallmu. Nintroduċu kodiċi ta' mġiba tajba għall-istudenti fl-iskejjel; insaħħu l-ħidma tal-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema sabiex isir l-għaqda professjonali għall-



għalliema; inwaqqfu l-Istitut għall-Mexxejja fl-Edukazzjoni (prinċipali, surmastrijiet, assistenti surmastrijiet, uffiċjali tal-edukazzjoni u diretturi); u nagħtu aktar awtonomija lill-kulleġġi fl-iskejjel tal-Gvern.

213. Nevitaw tibdil radikali ta' politika sabiex inġibu stabilità fis-sistema edukattiva. Tibdil fil-politika tal-edukazzjoni jinżamm għal minimu assolut u politika ġdida jew direzzjonijiet ġodda jidħlu biss biex jindirizzaw ħtiġiet reali u skont ir-realtajiet fl-iskola u fil-klassi. Inwaqqfu Kunsill Malti għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni sabiex l-edukaturi kollha jkollhom vuċi reali fit-tfassil ta' strateġiji u politika nazzjonali dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ.

214. Nagħtu lill-iskejjel aktar riżorsi umani billi nħajru għalliema u Learning Support Assistants (LSAs) jirritornaw lura għax-xogħol jew jerġgħu jidħlu fil-qasam tal-edukazzjoni, anke bi skemi ta' xogħol flessibbli, u b'hekk noħolqu grupp ta' *relief teachers* u LSAs.

215. Intejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Learning Support Assistants biex nassiguraw li jiġu impjegati biżżejjed LSAs ħalli kull tifel u tifla *statemented* fl-iskejjel jiġu mogħtija LSA.

216. Insaħħu r-relazzjoni mal-iskejjel tal-Knisja u dawk indipendenti biex nagħtuhom l-appoġġ fit-twettiq ta' ħidmithom u jiġu inklużi fl-inizjattivi nazzjonali kollha, b'rispett sħiħ lejn l-awtonomija u l-indipendenza tagħhom. Flejjes dovuti mill-Gvern lil dawn l-iskejjel jitħallsu fil-ħin.

217. Inneħħu mhux biss iż-żidiet sostanzjali fil-ħlas għall-eżamijiet li kien għamel il-Gvern Laburista fl-2014, iżda saħansitra nneħħu l-ħlas għall-eżamijiet tal-MATSEC. Nikkommettu ruħna li nirrevedu l-proċedura tal-assessjar.

218. Nifthu Visual and Performing Arts School fil-livell sekondarju sabiex nagħtu lil dawk it-tfal b'talent artistiku l-opportunità li jkomplu l-edukazzjoni sekondarja anke billi jikkonċentraw fuq l-iżvilupp tal-potenzjal artistiku tagħhom f'ambjent professjonali u f'qafas formali tal-edukazzjoni.

## EDUKAZZJONI AVANZATA U OGĦLA GĦAL ĦILIET AQWA

219. Nibdew diskussjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-għalliema fil-livell post-sekondarju bil-għan li nwettqu l-prinċipju ta' paga ugwali għall-istess xogħol, u niffinanzjaw taħriġ professjonali u sostanzjali kontinwu, inkluż taħriġ barra minn Malta.

220. Nagħtu lill-istudenti u lill-edukaturi fl-MCAST spazji moderni għat-



*"Appoġġ għal taħriġ kontinwu lill-edukaturi u aktar riżorsi għat-tagħlim"*

tagħlim u nagħmlu arranġamenti għal opportunitajiet ta' *placements* barra minn Malta. Nagħtu appoġġ għal taħriġ professjonali kontinwu lill-edukaturi. Nipprovdu aktar riżorsi għat-tagħlim u nġibu f'konklużjoni l-proċess li jwassal sabiex gradwati fl-inġinerija jingħataw il-*warrant*.

221. L-Istitut għall-Istudji Turistiċi nżommuh f'San Ġiljan, fil-qalba tas-settur turistiku Malti. Nagħtu faċilitajiet moderni lill-edukaturi, lill-istudenti u lill-istaff fl-amministrazzjoni; nagħtu appoġġ għal taħriġ speċjalizzat tal-edukaturi; u nfasslu rabtiet aqwa mal-industrija.

222. Nagħtu lill-Università ta' Malta awtonomija sħiħa amministrattiva u akkademika f'Att dwar l-Università ta' Malta filwaqt li:

a) nirrikonoxxu 'l-Università bħala inkubatur għal *knowledge-based start-ups;*

b) inlestu l-kostruzzjoni tal-Post-Doctoral Research Centre;

ċ) niffaċilitaw l-estensjoni tal-Fakultà tal-Inġinerija u l-Fakultà tax-Xjenza;

d) nibdew l-iżvilupp tas-Sustainable-Living Complex li fi ħdanu se jkun

hemm il-Fakultà tal-Edukazzjoni, il-Fakultà għall-Ambjent Mibni flimkien ma' istituti, ċentri u faċilitajiet oħra;

e) nimmodernizzaw il-faċilitajiet sportivi fl-Università; u

f) nibnu *sound stage* għall-iSchool for Performing Arts u l-Institute of Digital Games.

223. Nassiguraw li fl-impenn tagħna li nżidu l-kontribut lejn ir-riċerka, it-teknoloġija, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RTDI) minn 0.6% għal 3% tal-prodott domestiku gross, nagħmlu żieda sostanzjali fl-għajnuna finanzjarja għal studenti li jkunu qed jagħmlu Ph.D.

224. Niġġeneraw aktar investiment privat fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avanzata u ogħla billi nwaqqfu skema ta' boroż ta' studju għal studenti Maltin li jsegwu studji f'dawn l-istituzzjonijiet privati mwaqqfa f'Malta. Nibdew diskussjonijiet mal-amministraturi sabiex insibu metodu kif nagħtu appoġġ għal investiment li jistabbilixxi istituti ta' riċerka.

225. Nipprovdu inċentivi sinjifikanti għar-riċerka li tiffoka fuq benefiċċji soċjali, edukattivi, ta' saħħa, serħan il-moħħ u ekonomiċi għall-komunità. Inżidu sa €1 miljun fis-sena l-fond RTDI imwaqqaf fl-Università ta' Malta. Inwaqqfu fond ġdid b'€5 miljuni fis-sena għal riċerka fit-teknoloġija u fix-xjenzi fiżiċi, applikati u soċjali.

226. Ninvestu fl-edukazzjoni mhux formali billi noħolqu *makerspaces* (*hubs* tat-teknologija fejn in-nies ikunu jistgħu jiltaqgħu u jkunu kreattivi flimkien) fl-ibliet u fl-irħula madwar il-pajjiż. Dawn jipprovdu għażla ta' ħiliet għall-ħajja, bħal dawk diġitali, lill-komunità. Dan iwassal għal tisħiħ fl-opportunitajiet għall-intrapriżi, l-għaqdiet, il-kunsilli tal-iskejjel u l-kunsilli lokali, fost oħrajn, sabiex jinvestu u jagħtu appoġġ lill-komunità lokali.

227. Nikkonkludu l-proċess ta' rikonoxximent taċ-ċertifikazzjoni tal-LSM għal dawk li kienu kisbu dan iċ-ċertifikat.

## IL-KULTURA SSEDDAQ L-IDENTITÀ TAGĦNA

228. Naħtru Ministru responsabbli speċifikament għall-kultura.

229. Naħdmu mill-ewwel biex nassiguraw li niksbu suċċess kbir bil-Valletta 2018. Din l-attività trid tkun vetrina tal-belt kapitali tagħna u wkoll ta' pajjiżna. Nassiguraw li noħolqu wirt soċjo-kulturali li jibqa' għat-tul taż-żmien minn dan il-proġett li jrid jgħinna niżviluppaw viżjoni kulturali biex naslu għall-mument meta Malta tospita l-Kapitali Ewropea tal-Kultura għat-tieni darba fis-sena 2031.



> *“Nagħrfu li l-aċċess għall-kultura huwa dritt universali”*

230. Ninvestu fl-infrastruttura kulturali tagħna li matul iż-żmien għandha tinkludi teatru nazzjonali ġdid, mużew tal-arti kontemporanja u moderna u ċentru tal-arkitettura u d-disinn. Insostnu s-setturi kulturali u kreattivi biex nassiguraw li dawn igawdu stabbiltà u kontinwità.

231. Niflu l-qafas legali preżenti u neliminaw l-idea burokratika li kollox iħares minn fuq għal isfel, biex hekk noħolqu ambjent fejn il-Gvern u l-entitajiet kulturali jaħdmu flimkien.

232. Nagħrfu li l-aċċess għall-kultura huwa dritt universali. Nagħtu d-dritt lil kull min hu rreġistrat bħala student f'pajjiżna, kull min għandu l-Karta Anzjan u lil dawk li għandhom xi diżabilità, li jżuru s-siti tal-Heritage Malta u l-mużewijiet mingħajr ħlas.

233. Insaħħu l-wirt kulturali bħala aspett importanti tal-identità tagħna u ninvestu fis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali biex nassiguraw li din tkun tista' taqdi tajjeb il-funzjonijiet tagħha.

234. Ninvestu fit-tiġdid ta' lokalitajiet urbani mil-lat kulturali, l-aktar fir-riġenerazzjoni kulturali tal-Cottonera Lines u fl-inħawi tan-Nofsinhar tal-Port il-Kbir.

## NINVESTU FL-INDUSTRIJA TAL-FILMS

235. Nibnu Ċentru għall-Films li jiġbor fih il-Malta Film Commission, il-Malta Film Fund, il-Co-Production Fund, u l-faċilitajiet professjonali u anċillari. Dan iċ-ċentru jippromovi t-tkabbir tal-industrija lokali tal-films waqt li jiżviluppa, irawwem u joħloq materjal ta' kwalità għolja.

236. Niżviluppaw u nimmodernizzaw l-infrastruttura preżenti fl-industrija tal-films, u naraw li sa fl-aħħar isir l-investiment fit-tankijiet tal-ilma u li jinbena *sound stage* ġdid.

237. Inkabbru l-Malta Film Fund (MFF) għal €2,000,000 u f'dan ikun inkluż il-Co-Production Fund. Naraw li l-proċess kif isiru l-applikazzjonijiet ikun flessibbli u ġust.

238. Inżidu l-inċentiv tal-cash rebate għal 30% (ma' dan jiżdiedu 2% oħra meta Malta tidher bħala Malta) biex hekk tikber il-kompetittività. Indaħħlu wkoll il-*cash rebate* fuq is-servizzi tal-post-produzzjoni, biex hekk jinħolqu opportunitajiet ġodda u ftuħ ġdid għax-xogħol u għall-investiment.

## NAGĦMLU L-AMBJENT ELEMENT EWLIENI TAL-PAJJIŻ LI JIXIRQILNA

239. Nagħtu lill-ambjent rikonoxximent u ħarsien kostituzzjonali. Inpoġġuh fil-qalba tal-proċess ta' kull deċiżjoni li nieħdu biex niżguraw li l-policies tagħna f'kull settur ikunu xprunati mill-għan ewlieni li ntejbu s-sostenibilità u l-kwalità tal-ħajja għal kulħadd.



240. Infasslu strateġija nazzjonali maqbula minn kulħadd għal kwalità aqwa tal-ħajja, b'viżjoni u miri li jaslu sas-sena 2050 u b'mod li jagħmel il-kunsens wiesa' favur l-ambjent wieħed li jorbot il-gvernijiet kollha. Agenda 2050 tindirizza l-aspetti ambjentali b'mod serju, sħiħ u li jkun ibbażat fuq l-evidenza. Dan ikun jagħmel parti mill-patt li lesti nagħmlu maċ-ċittadini kollha, inklużi s-soċjetà ċivili u l-partiti politiċi.

241. Niżguraw li l-mudell ekonomiku tagħna jqis l-ambjent bħala prijorità u ma jikkonsidrax aktar lill-ambjent bħala għadu tat-tkabbir ekonomiku, anzi bħala element li jibni ekonomija attraenti u sostenibbli għat-tul. Il-ħarsien ambjentali jagħtina opportunitajiet ġodda u jagħmel il-wirt ambjentali tagħna mhux biss element tal-kwalità aqwa tal-ħajja

imma wkoll kontributur importanti għas-suċċess ekonomiku tagħna.

## INĦARSU L-WIRT NATURALI U L-BIJODIVERSITÀ TAGĦNA

242. Nagħtu z-zona tal-White Rocks lura lill-pubbliku billi nagħmluha Park Nazzjonali protett minn kull żvilupp, u nibdlu l-parti mibnija f'ekopark fejn il-familji jkunu jistgħu jirrikreaw irwieħhom flimkien.

243. Inwaqqfu struttura nazzjonali ġdida għall-immaniġjar tas-siti ta' valur naturali, Natura Malta, li tħares kull zona naturali protetta, u nidentifikaw zoni ġodda x'nipproteġu.

244. Inżidu n-numru ta' Żoni Marittimi Protetti, u nestendu dawk eżistenti biex inħarsu l-ħajja fil-baħar u nagħtu spinta lin-niċċa turistika importanti tal-għadis.

245. Inwaqqfu l-ewwel eko-mużew ta' taħt il-baħar fil-Mediterran, bil-għan li nattiraw aktar turiżmu tal-għadis u nkattru l-ħajja fil-baħar.

246. Nipproteġu l-ambjent taħt il-baħar b'kontrolli aktar stretti fuq l-iskart iġġenerat mill-fish farms, u naraw li dawn jitressqu aktar 'il barra mix-xatt mingħajr aktar dewmien.

247. Nintroduċu gwardjani ambjentali li r-rwol tagħhom prinċipalment ikun li jedukaw lill-pubbliku u li jiżguraw li kulħadd iħares il-wirt ambjentali tagħna.

248. Inniedu pjan nazzjonali għall-protezzjoni tal-widien, bħalma hu Wied Għomor, bil-għan ewlieni li nirriabilitaw is-sistema tal-widien tagħna, nirrispettaw u nżommu ħajja l-bijodiversità tan-natura li tgħix fihom, u jkunu mħarsin għall-pjaċir ta' kulħadd.



*"Nintroduċu gwardjani ambjentali li r-rwol tagħhom prinċipalment ikun li jedukaw lill-pubbliku u li jiżguraw li kulħadd iħares il-wirt tagħna"*

## INRODDU LURA L-KREDIBBILTÀ LILL-AWTORITAJIET AMBJENTALI

249. Niżguraw li l-Awtorità tal-Ippjanar (PA) u l-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) jiksbu awtonomija ġdida biex ikunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet b'mod ħieles minn kull indħil politiku li tappan il-ħidma tagħhom taħt il-Gvern Laburista. Naraw li għaqdiet volontarji ambjentali jaħtru rappreżentanti tagħhom fil-bordijiet fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet ambjentali.

250. Il-protezzjoni tal-ambjent tkun element fil-proċess tal-ippjanar ukoll, wara li dan iddgħajjef b'mod intenzjonali u ċiniku mill-Gvern Laburista. Nirranġaw id-defiċjenzi li nħolqu bil-qasma tal-MEPA u niżguraw li l-ERA tgawdi r-riżorsi meħtieġa biex taqdi d-dmirijiet tagħha.

251. Infasslu Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp li jkun ċar u razzjonali u li jbiddel dak li sar bl-addoċċ dan l-aħħar li ma jħarisx fil-bogħod u li sar bil-għan li jaqdi biss lil min għamlu. Pjan strateġiku ġdid ikun koerenti, trasparenti u jħares fit-tul biex jelimina kull ambigwità u inċertezza.

252. Inwaqqfu kull żvilupp illegali u nqawwu r-riżorsi li bihom l-awtoritajiet relevanti jkunu jistgħu



jagħmlu infurzar effettiv. Infasslu App li tagħmilha eħfef għall-pubbliku li jirraporta kull rimi li jsir bl-addoċċ, u kull żvilupp ħażin jew kull attività illegali oħra.

## INTEJBU L-KWALITÀ AMBJENTALI TAŻ-ŻONI URBANI

253. Infasslu Politika Nazzjonali għall-Arkitettura li trawwem apprezzament aħjar tal-wirt arkitettoniku li għandna u li tippromovi l-iżvilupp sostenibbli. Nistabbilixxu sistema volontarja mibnija fuq il-kwalità għar-reviżjoni tad-disinn fi ħdan iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Arkitettura u l-Ambjent Mibni.

254. Infasslu Politika Nazzjonali dwar l-iSkyline, wara konsultazzjoni ma' dawk interessati, u nirrevedu l-politika kurrenti dwar l-għoli tal-bini, għax nemmnu li l-iskyline hu parti mill-wirt komuni tagħna u għalhekk irid ikun imħares.

255. Innaqqsu t-taxxa fuq il-qligħ kapitali għal 5% fuq bini li jkun iċċertifikat bħala Near Zero-Energy Building, u f'dawk il-lokalitajiet li għandhom bżonn ikunu riġenerati bħall-Marsa, il-Ħamrun, il-Qawra u Buġibba. Barra minn dan, innaqqsu wkoll it-taxxa tad-dħul fuq il-kirjiet f'dawn l-inħawi minn 15% għal 10%.

256. Nistabbilixxu persentaġġ partikulari mill-VAT miġbur mill-kummerċ f'lokalità u nallokawh għat-titjib fl-infrastruttura pubblika f'dik il-lokalità stess.



*"Infasslu politika li trawwem apprezzament aħjar tal-wirt arkitettoniku li għandna u li tippromovi l-iżvilupp sostenibbli"*




## NUŻAW AĦJAR U NTEJBU L-WIRT MIBNI TAGĦNA

258. Ninċentivaw lis-sidien ta' propjetajiet skedati biex ngħinuhom fil-manutenzjoni tagħhom u ninkoraġġuhom biex kull tant żmien jiftħu d-djar tagħhom għall-pubbliku.

259. Ninċentivaw ir-restawr u r-riġenerazzjoni tal-bini storiku u skedat li jinsab fiz-zoni urbani billi nistabbilixxu *buffer zones* effettivi u permezz ta' rati preferenzjali meta dan il-bini jinkera għan-negozju bħala ħanut jew bħala bottega artiġjanali jew artistika.

260. Nindirizzaw il-problema ta' propjetajiet mhux abitati, speċjalment dawk li qegħdin f'zoni urbani għall-konservazzjoni jew f'zoni indentifikati għar-riġenerazzjoni. Nintroduċu inċentivi biex jinstabu soluzzjonijiet fejn il-postijiet jibqgħu battala minħabba kwistjonijiet ta' wirt u kawżi fil-qrati.

## INĦARSU Ż-ŻONI BARRA L-IŻVILUPP (ODZ)

261. Naffermaw li aħna kommessi li nipproteġu l-inħawi li huma barra z-zona tal-iżvilupp (ODZ) u li nsalvaw iż-Żonqor mill-iżvilupp billi niddiskutu mal-American University of Malta biex insibulhom sit alternattiv.

262. Inneħħu d-diskrezzjoni li bħalissa għandhom il-Prim Ministru u l-Gvern biex jawtorizzaw żvilupp fuq art ODZ. Minflok, nagħtu l-aħħar kelma



*"Nistabbilixxu politika b'viżjoni fejn il-wirt storiku tagħna jkun ikkurat u miżmum tajjeb"*

lill-Parlament biex il-proċess ikun verament trasparenti u ħieles minn kull abbuż u, b'hekk, l-approvazzjoni tingħata biss jekk ikun hemm approvazzjoni b'kunsens wiesa'. Proġetti kbar ta' importanza nazzjonali proposti kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mis-settur privat u li jkunu rakkomandati għall-approvazzjoni mill-PA, ikollhom bżonn ta' vot favorevoli ta' żewġ terzi fil-Parlament. Bħal fil-każ tal-ħatriet pubbliċi, jekk din l-approvazzjoni ma tintlaħaqx wara żewġ votazzjonijiet, maġġoranza sempliċi tkun biżżejjed fit-tielet vot biex dan il-proġett ikun approvat. Dan ifisser li l-Gvern tal-ġurnata jkollu jġorr ir-responsabbiltà politika jekk jiddeċiedi li jkompli bil-proġett.

263. Niżguraw li art pubblika fl-ODZ tingħata valur ekonomiku tal-inqas daqs il-valur tal-istess art kieku kienet f'zona ewlenija tal-bini. B'hekk neliminaw l-inċentiv li għandu l-Gvern bħalissa li jċedi l-art għal skopijiet spekulattivi.

264. Ma nħallux li ssir reklamazzjoni tal-art għal skopijiet spekulattivi.

265. Nistabbilixxu politika b'viżjoni għall-pajsaġġ (landscape) li jkun ikkurat u miżmum tajjeb, u li tfittex li tgħaqqad flimkien iz-zoni ODZ waqt li tistudja dawk l-iżviluppi li jistgħu jgħarrqu l-pajsaġġ.



## NIMMANIĠJAW IR-RIŻORSI TAGĦNA AĦJAR

266. Nikkonsultaw ma' dawk kollha interessati biex infasslu qafas għal Politika Nazzjonali dwar l-Ilma, biex tinġabar l-informazzjoni, isir studju u ssir analiżi tas-sitwazzjoni preżenti. Naraw x'tista' tkun id-domanda u l-provvista għas-snin li ġejjin biex naġġornaw il-Pjan Nazzjonali dwar l-Ilma li għandu jinkludi l-konservazzjoni tal-ilma u t-titjib tal-kwalità tal-ilma fil-gżejjer Maltin.

267. Naqtgħu l-ġenerazzjoni ta' skart żejjed u l-ineffiċjenzi fl-immaniġjar tal-iskart – ħaġa li kienet qed tiġri taħt il-Gvern Laburista – biex fi żmien ħames snin nilħqu l-obbligi Ewropej u internazzjonali li għandna. Inniedu proċess ta' konsultazzjoni nazzjonali biex nagħmlu l-aħjar għażliet fil-metodi tar-rimi tal-iskart, inkluża d-deċiżjoni li qed tkun studjata bħalissa dwar kif jingħażel l-iskart ħalli minnu nipproduċu l-enerġija.

## NIFS AĦJAR B'ARJA AKTAR NADIFA

268. Naġġornaw u nħaddmu l-Pjan għall-Kwalità Aħjar tal-Arja. Nagħmlu studju fuq l-apparat u l-vetturi tal-Gvern biex niżguraw li dawn jitħaddmu skont l-*istandards* stabbiliti dwar id-dħaħen u l-ħsejjes. Nimplimentaw strateġija biex jinbidlu l-vetturi tad-dipartimenti tal-Gvern għal oħrajn li jaħdmu bl-elettriku. Infasslu pjan ta' ħames snin biex nistabbilixxu postijiet madwar il-pajjiż imnejn il-pubbliku jkun jista' jiċċarġja l-karozza elettrika tiegħu b'enerġija mix-xemx u mingħajr ħlas.

269. Indaħħlu liġi kontra l-użu ta'apparat li jipproduċi ħsejjes qawwijin wisq jew li jarmi minnu dħaħen u sustanzi perikolużi fis-siti tal-kostruzzjoni. Noffru inċentivi fiskali lill-kumpaniji fl-industrija tal-bini biex ngħinuhom itejbu l-istandards ambjentali tagħhom, l-aktar fejn jidħlu l-vetturi u l-apparat li jużaw fix-xogħol tagħhom.

270. Innaqqsu t-tniġġis fl-arja u l-ħsejjes billi nimplimentaw in-Noise Prevention and Control (Framework)



> “Nħaddmu pjan għall-kwalità aħjar tal-arja. Niżguraw l-istandards stabbiliti dwar id-dħaħen u l-ħsejjes”

Regulations, anki billi naraw li l-bord imwaqqaf apposta biex jikkontrolla l-ħsejjes (Noise Control Board) jiffunzjona tajjeb.

271. Nintroduċu mezzi, wara li jkunu saru l-konsultazzjonijiet mal-industrija, biex nevitaw il-ħela tal-ġebla. Nidentifikaw sit fejn ikunu jistgħu jittieħdu materjali u elementi li jiżżarmaw mill-bini ħalli dawn ikunu jistgħu jintużaw f’siti oħra.

## NIPPRODUĊU, NIXTRU U NUŻAW L-ENERĠIJA AKTAR BIL-GĦAQAL

272. B’effett immedjat, innaqqsu l-prezzijiet tal-petrol u d-diesel b’5 ċenteżmi fil-litru. Nintrabtu li dawn il-prezzijiet inżommuhom taħt il-medja tal-UE tul il-leġiżlatura.

273. Nixtru l-elettriku mill-orħos sors kif jaqbel lill-poplu Malti u Għawdxi. L-orħos sors bħalissa hu l-*interconnector* ma’ Sqallija. Dak li niffrankaw fix-xiri tal-elettriku ngħadduh direttament lill-konsumatur f’inċentivi ġodda biex nipproduċu enerġija nadifa u billi nnaqqsu l-kontijiet tal-elettriku.

274. Malajr kemm jista’ jkun, inneħħu t-tanker tal-LNG minn Marsaxlokk u nibdew naħdmu mill-ewwel fuq il-pipeline tal-gass minn Sqallija, kif kien diġà ppjanat mill-Gvern Nazzjonalista ta’ qabel. B’hekk nassiguraw li Malta tkun imqabbda man-network Ewropew tal-gass.

275. Inwettqu l-obbligu li Malta hi marbuta bih li, sas-sena 2020, 10%



tal-enerġija li nużaw inkunu qed niġġenerawha minn sorsi alternattivi. Dan il-pjan ikun jinkludi strateġiji biex nużaw il-qawwa tax-xemx fid-djar u wkoll fil-binjiet kummerċjali. Nagħtu grants biex wieħed ikun jista' jinvesti fl-enerġija alternattiva. Nagħtu, fejn ikun meħtieġ, feed-in tariffs vantaġġjużi lill-konsumaturi. Fuq il-bjut tal-binjiet pubbliċi u fiz-zoni industrijali, inwaħħlu pannelli solari.

## IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-EFFIĊJENZA FL-ENERĠIJA

276. Nindirizzaw u nikkoreġu l-fatt li Malta hi l-uniku stat membru tal-UE li mhuwiex jilħaq il-miri fit-tliet oqsma tad-direttiva Climate and Energy 2020 tal-Unjoni Ewropea: it-tnaqqis tal-gassijiet serra, l-użu tal-enerġija alternattiva u l-effiċenzja li din toffri.

277. Innaqqsu l-produzzjoni tas-$CO_2$ fl-oqsma kollha, l-aktar fil-qasam tat-trasport billi ndaħħlu miżuri skont it-Transport Master Plan, billi ninkoraġġixxu lill-pubbliku jużа anqas il-karozzi privati.

278. Nintroduċu drittijiet lill-konsumatur marbutin mal-qasam tal-enerġija mix-xemx. Nagħtu kumpens lil min jittella' bini quddiem il-propjetà tiegħu b'mod li titgħattielhu x-xemx bħala sors ta' enerġija.

279. Nesploraw immedjatament il-possibbiltà li nadottaw teknoloġija innovattiva biex nipproduċu enerġija mix-xemx f'wiċċ it-toroq tagħna, fil-carparks u fi spazji miftuħin. Dan il-qasam fih potenzjal kbir tassew



għaliex jagħtina ċ-ċans nutilizzaw l-ispazji limitati ta' pajjiżna u x-xemx abbundanti tagħna.

280. Nagħtu inċentivi għall-ħolqien ta' *green roofs* li għandhom jagħtu sehem importanti biex innaqqsu l-konsum tal-enerġija fil-propjetajiet tagħna billi nagħtu tax rebates lill-kumpaniji (il-fabbriki, l-uffiċini, il-ħwienet il-kbar, eċċ.) li jadottaw din is-sistema u li jippermettu l-bjut tagħhom jintużaw bħala spazju għar-rikreazzjoni.

## NINDIRIZZAW B'MOD SERJU L-PROBLEMA TAT-TRAFFIKU: SISTEMA TA' METRO

281. Nindirizzaw il-problema tal-mobilità maħluqa mit-traffiku fit-toroq tagħna. Għalhekk, immedjetament, nibdew naħdmu biex nibnu sistema alternattiva tat-trasport pubbliku. Din tkun sistema ta' metro li taħdem sew fuq l-art kif ukoll taħt l-art, skont il-lokalità. Din tkun sistema aktar nadifa, eħfef fil-veloċità, waqt li ssebbaħ u ssaħħaħ it-trasport pubbliku f'pajjiżna. Din is-sistema tkun taqdi ċ-ċentri urbani ewlenin, kif ukoll tgħaqqad iż-żewġ gżejjer ta' Malta u Għawdex flimkien.

282. Infasslu Pjan Nazzjonali għall-Infrastruttura fuq medda ta' numru ta' snin. B'hekk, is-sistema tal-metro tkun parti minn investiment aktar wiesa' u qawwi li tassew joħloq sistema tat-trasport imħallta mifruxa fuq network bil-metro, bix-xarabank, bit-trasport ċirkulari fil-lokal, bid-dgħajjes, bir-rota u bil-passaġġi għall-pubbliku.

283. Il-Pjan Nazzjonali għall-Infrastruttura jkun ikopri l-bini u l-manutenzjoni tat-toroq arterjali u residenzjali u jġib it-toroq tal-pajjiż għal-livell li hu mistenni minn pajjiż modern.

284. Nimplimentaw immedjetament din is-sistema ppubblikata fid-dokument tagħna 'Innaqqsu l-Konġestjoni tat-Traffiku – Il-Miżuri Immedjati' biex hekk nindirizzaw il-konġestjoni qawwija tat-traffiku li tant tħabbatna fit-toroq tagħna, u li taffettwalna






ħażin saħħitna u l-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol, minbarra li taffettwa u tiswa ħafna flus għall-ekonomija tagħna.

285. Nagħmlu b’xejn it-trasport tal-iskejjel għall-istudenti kollha u wkoll għall-għalliema. Hekk inkunu qed inwarrbu d-diskriminazzjoni ma’ dawk li jattendu l-iskejjel tal-Knisja jew indipendenti. B’dan il-mod inkunu qed innaqqsu b’mod sostanzjali n-numru ta’ karozzi privati fit-toroq tagħna fl-agħar ħinijiet għat-traffiku.

286. Nipprovdu t-trasport pubbliku mingħajr ħlas għal kull min għandu l-Karta Anzjan u għal dawk bl-Istudent Card. Indaħħlu inċentivi finanzjarji għal kategoriji partikolari li jużaw it-trasport pubbliku bħal, pereżempju, skemi għall-impjegati u għal min iħaddem, eż. flexitime, garanzija li l-ħaddiem jitwassal lura d-dar bla ħlas, skemi tat-trasport pubbliku, pooling tal-karozzi u l-vannijiet, pjani tal-ivvjaġġar għall-ħaddiema, u skedi tax-xogħol li jikkumplimentaw lil xulxin.

287. Bħala parti mit-titjib fil-kwalità tal-infrastruttura, ninvestu fit-titjib tal-kundizzjonijiet għal dawk li jużaw ir-rota u wkoll għal dawk li jimxu. Nieħdu ħsieb il-bankini u naraw li jitħawlu siġar biex jipprovdu d-dell. Nipprovdu bankijiet fuq il-bankini u fil-passaġġi biex wieħed, speċjalment min hu anzjan, isib fejn jistrieħ waqt li jkun miexi. Noħolqu wkoll passaġġi għar-roti u toroq li jkunu partikolarment sikuri għat-trasport

tat-tfal tal-iskola. Naraw ukoll li noħolqu iżjed inċentivi għal min juża r-rota.

288. Indaħħlu skema ġdida biex titnaqqas il-liċenzja tal-karozza b'mod proporzjonali għal dawk il-karozzi li jintużaw biss fi tmiem il-ġimgħa. B'hekk, liċenzja li tiswa €700 fis-sena tista' tinżel għal €100 jekk dik il-karozza tkun tintuża biss nhar ta' Ħadd.

289. Nestendu l-iskont ta' 40% fuq it-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-karozzi li jintużaw biss nhar ta' Ħadd mhux biss għal karozzi ta' valur għoli, imma għal kull karozza biex hekk dak li jkun jinċentiva ruħu juża l-karozza tiegħu fi tmiem il-ġimgħa biss u jinqeda bit-trasport pubbliku fil-ġranet tax-xogħol.

290. Ninkoraġġixxu l-użu ta' skema tal-assigurazzjoni *pay-as-you-drive*. Din l-iskema tgħin lil sid il-karozza jirċievi lura ċertu ħlas jekk ma jużax il-karozza tiegħu ta' spiss.

291. Ninkoraġġixxu lis-sidien ta' karozzi antiki biex jiskrappjawhom u nagħtuhom voucher ta' €2,000. Dan il-voucher ikunu jistgħu jużawh bħala skont fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozza l-ġdida, sakemm din il-karozza ma jkollhiex aktar żmien minn erba' snin. Din l-iskema tagħmilha eħfef għal dawk li għandhom karozza qadima biex jibagħtuha għall-iskrapp minħabba li din tkun ingħatat valur tajjeb ta' €2,000. Din l-iskema tagħmilha attraenti għas-sidien biex ma jitilqux il-karozza qadima tagħhom fit-triq. Ukoll, b'din l-iskema, jonqos in-numru ta' karozzi qodma mit-toroq.



## IL-BDIEWA, IR-RAĦĦALA U S-SAJJIEDA: KONTRIBUTURI AMBJENTALI

292. Naħtru Ministru responsabbli mill-Biedja u s-Sajd. Il-Ministeru jopera direttament miċ-Ċentru tar-Riċerka fl-Għammieri, bil-preżenza ta' uffiċċju f'Marsaxlokk biex jintlaħaq faċilment mis-sajjieda. Ukoll, ikun hemm uffiċċju Għawdex biex jintlaħaq mill-bdiewa, mir-raħħala u mis-sajjieda Għawdxin.



> “Nagħtu l-għajnuna biex is-settur tal-agrikultura jkompli jikber tul is-snin”

293. Indaħħlu helpline biex il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda jkollhom linja diretta mal-esperti f’diversi oqsma relatati ma’ dawn is-setturi, anki dwar il-politika nazzjonali dwar l-agrikultura, u r-riformi u r-regolamenti li jkunu se jaffettwaw lis-settur, kemm nazzjonali kif ukoll Ewropej.

294. Nagħtu konsulenza bħala għajnuna lill-bdiewa, lir-raħħala u lis-sajjieda kif jimlew il-formoli għall-ksib tal-fondi mill-UE.

295. Ngħinu lill-bdiewa u lir-raħħala jiddiversifikaw u jsiru aktar kompetittivi. Fl-istess ħin, jingħata aktar valur lill-prodott Malti.

## L-AGRIKOLTURA

296. Nattwaw sistema ġusta għall-klassifikazzjoni tal-bdiewa u r-raħħala, ibbażata kemm fuq id-dħul tagħhom kif ukoll fuq l-ammont ta’ raba’ maħdum biex tkun tista’ tingħata għajnuna effettiva. B’dan il-mod, is-settur ikun qiegħed jingħata l-għajnuna biex ikun jista’ jiġi fuq saqajh u jkompli jikber tul is-snin.

297. Nassiguraw trasparenza sħiħa fil-katina tal-provvista tal-prodotti agrikoli, mill-għalqa sa fuq il-mejda, bl-applikazzjoni ta’ monitoraġġ tal-prezzijiet tul il-katina tal-provvista kollha, biex jiġu salvagwardati l-interessi tal-bdiewa, tal-pitkala, tal-bejjiegħa, u fl-aħħar mill-aħħar, tal-konsumatur. B’hekk, tal-ewwel ikollhom qligħ ġust għal ħidmithom waqt li l-konsumatur ikollu għażla ta’ prodotti agrikoli tal-aqwa kwalità bi prezzijiet tajbin.

298. Niffaċilitaw it-trasferiment ta’ art agrikola bejn bdiewa żgħażagħ, bdiewa attivi u bdiewa li jkunu lesti

jittrasferixxu r-raba' tagħhom biex tiġi kkonsolidata l-art agrikola.

299. Neżentaw applikazzjonijiet għal strutturi agrikoli mill-ħlasijiet tal-ippjanar tal-iżvilupp.

300. Nagħtu rata sussidjata għall-qbiela u ċ-ċens fuq l-irziezet u strutturi oħra agrikoli li huma mibnijin fuq art tal-gvern.

301. Inneħħu t-taxxa tas-suċċessjoni fuq art u strutturi agrikoli, kif ukoll fuq irziezet li jintirtu fil-familja.

302. Nistudjaw il-problema li, minħabba l-insularità ta' pajjiżna, ir-raħħala tagħna qed iħabbtu wiċċhom ma' prezzijiet ogħla għax-xiri ta' ġwież minn barra l-pajjiż, sabiex tinstab soluzzjoni li tħalli r-raħħala tagħna jikkompetu ma' raħħala tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' kundizzjonijiet ġusti.

303. Noħolqu strateġija nazzjonali biex l-iskart agrikolu f'diversi forom jingħata valur ħalli jiġi ttrasformat f'riżorsi alternattivi, bħal f'fertilizzant organiku u f'enerġija rinnovabbli.

304. Nistudjaw metodi kif strutturi b'integrated PV panels jikkumplimentaw skopijiet agrikoli ġenwini biex jinkoraġġixxu l-bdiewa u r-raħħala ħalli jkunu attivi f'dawn il-mudelli agrikoli innovattivi.

305. Noħolqu skema sabiex is-settur agrikolu u s-settur turistiku jibbenefikaw mill-potenzjal ta' xulxin.

306. Inniedu kampanja nazzjonali marbuta ma' labelling ta' prodotti bħall-frott, il-ħalib, il-ħaxix, il-laħam, kemm impurtati kif ukoll lokali, biex filwaqt li jinqatgħu l-abbużi, il-konsumatur ikollu s-serħan tal-moħħ mill-prodotti li jkun qed jixtri.

## IS-SAJD

307. Nibdew minnufih il-proġett tal-bini ta' breakwater, kemm fil-Ponta tal-Qrejten kif ukoll fin-naħa ta' Delimara, biex dawn ikunu jistgħu jilqgħu għall-ħtiġijet tas-sajjieda.

308. Naħdmu mal-Koperattivi tas-Sajd biex l-ispazju fil-Pixkerija jkun adattat għall-ipproċessar tal-ħut. B'hekk, dan is-settur isir aktar kompetittiv fis-swieq lokali u internazzjonali.

309. Nagħmlu ċensiment serju tas-sajjieda li jqis id-diversi fatturi, fosthom il-mestier differenti tas-sajjieda, biex tkun tista' tingħata għajnuna effettiva lill-komunitajiet tas-sajd.

310. Il-kwoti jibqgħu jiġu ttrasferiti mal-opri tal-baħar, iżda jinħoloq inċentiv fejn is-sajjieda l-ġodda li ma għandhomx opra tal-baħar, liċenzja jew kwota, ikunu megħjuna biex jistgħu jaqilgħu l-għajxien tagħhom.



*“Nagħmlu l-investiment meħtieġ  sabiex s-sajjieda jkomplu xogħolhom bl-anqas xkiel possibbli”*

311. Nagħmlu l-investiment meħtieġ biex nimmodernizzaw il-*Hardstanding Facility* ħalli jkunu jistgħu jgawdu minnha s-sajjieda kollha mingħajr spejjeż żejda.

312. Nagħmlu l-manutenzjoni u l-organizzazzjoni tal-iskalini għall-opri tal-baħar.

## INĦARSU L-ANNIMALI

313. Inqawwu l-liġi u l-awtoritajiet fis-settur billi nżidulhom ir-riżorsi, anki r-riżorsi umani. Intejbu l-parteċipazzjoni tal-pubbliku u nżidu l-infurzar tal-multi fil-każijiet fejn ikun hemm abbuż fuq l-annimali. Ukoll, intejbu s-servizz ta’ emerġenza.

314. Noħolqu Kunsill Nazzjonali għall-Ħarsien tal-Annimali bil-parteċipazzjoni tal-esperti fil-qasam u wkoll bl-għajnuna tar-rappreżentanti tal-NGOs. Il-Kunsill ikun jista’ jippromwovi d-drittijiet tal-annimali, il-liġijiet favurihom, u l-interess tagħhom fis-sistema legali tagħna.

315. Indaħħlu skemi biex jitnaqqas in-numru ta’ annimali jiġru barra. Ukoll, inżidu l-iskemi tat-tiswija tal-annimali, waqt li nagħmlu ċ-ċippa mandatorja.

316. Nipprovdu l-assistenza lis-santwarji tal-annimali, l-aktar fil-każ ta’ dawk li jkunu se jagħlqu, u nżidu r-riżorsi tal-linja 1718 li tieħu ħsieb tiġbor l-annimali mejtin mit-toroq. Intejbu

l-kundizzjonijiet tax-Xelter għall-Ħarsien tal-Annimali.

317. Nibnu ċimiterju tal-annimali u wkoll krematorju, u nassiguraw li dawn jaqdu l-bżonnijiet tal-annimali kollha.

318. Nipprojbixxu l-użu tal-kullari elettriċi *(shock collars)* u jkun illegali li wieħed iżomm kelb marbut biċ-ċinga l-ħin kollu.

319. Naħdmu biex neliminaw mis-suq lokali l-veleni u l-pestiċidi li jagħmlu ħsara lill-annimali u nibdluhom b'alternattivi li mhumiex velenużi u perikolużi.

320. Indaħħlu liġijiet aktar stretti dwar l-annimali eżotiċi li jinżammu f'Malta, u jsiru żjarat għal għarrieda bil-veterinarju fuq il-post.

321. Naħdmu fuq kampanja edukattiva nazzjonali immirata għall-etajiet u s-setturi kollha tas-soċjetà biex inkabbru l-għarfien dwar il-ħarsien tal-annimali. Norganizzaw sessjonijiet ta' informazzjoni fil-lokalitajiet dwar kif l-annimali jistgħu jgħinu għal skop ta' terapija fl-iskejjel, fl-isptarijiet, fid-djar għall-anzjani u fil-faċilitajiet korrettivi, kif ukoll dwar kif jistgħu jitjiebu l-faċilitajiet għas-servizzi tal-*guide dogs.*

*"Nipprovdu l-assistenza lis-santwarji tal-annimali u nżidu r-riżorsi f'dan is-settur"*





# PROGRAMM ELETTORALI 2017




Jien nagħżel
Malta.